



Brussell, 20 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7351/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0230(COD)**

**CODEC 652
JEUN 36
EDUC 148
EMPL 164
SOC 210
SPORT 26
COHAFA 22
PROCIV 20
COMPET 239
ECOFIN 286
CADREFIN 141
PE 81**

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà] u r-Regolament (UE) Nru 375/2014 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew, (Strasburgu, 11 sal-14 ta' Marzu 2019)

I. INTRODUEZZJONI¹

Ir-rapporteur, Michaela ŠOJDROVÁ (PPE, CZ), ippreżenta rapport dwar il-proposta għal Regolament fisem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni. Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni ressaq mija disgħa u ħamsin emenda għall-proposta għal Regolament (l-emendi 1-10, 12-15, 17, 19, 21-23, 25-31, 33-47, 49-52, 54-56, 58, 61-62, 64-68, 70-83, 85-86, 92-112, 114-117, 119-159, 53, 57, 59, 60, 63, 69, 84, 87-91, 113, 118, 11, 16, 18, 20, 24, 32, 48). Barra minn hekk:

- il-grupp politiku EUL/NGL ressaq sbatax-il emenda (l-emendi 197, 198, 199, 191D, 200, 201, 202, 192, 203, 187, 188, 193, 194, 189, 195, 196, 190D);

¹ L-iffommattjar tal-verzjoni MT li ntbagħtet mill-PE ma jikkorrispondix f'kollox mal-Verżjoni EN

- il-grupp politiku EFDD ressaq sebgħa u għoxrin emenda (l-emendi 172, 173, 174D, 175D, 176, 177D, 178, 179, 180D, 182D, 182, 183, 184, 185, 186, 160, 161, 162, 163, 164, 165, 166, 167D, 168, 169, 170D, 171);
- il-Kumitat DEVE ressaq għaxar emendi (l-emendi 208, 209, 210, 211, 212, 213, 204, 205, 206, 207)

II. VOT

Meta vvotat fit-12 ta' Marzu, il-plenarja adottat l-emendi 1-10, 12-15, 17, 19, 21-23, 25-31, 33-47, 49-52, 54-56, 58, 61-62, 64-68, 70-83, 85-86, 92-112, 114-117, 119-159, 53, 57, 59, 60, 63, 69, 84, 87-91, 113, 118, 11, 16, 18, 20, 24, 32, 48 għall-proposta għal Regolament.

Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jħassar [ir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà] u r-Regolament (UE) Nru 375/2014 (COM(2018)0440 – C8-0264/2018 – 2018/0230(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0440),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 165(4), 166(4) u 214(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0264/2018),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Ottubru 2018³,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Diċembru 2018⁴,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Komitat għall-Iżvilupp, il-Komitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Komitat għall-Baġits u l-Komitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0079/2019),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

³ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 201.

⁴ ĠU C 86, 7.3.2019, p. 282.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Unjoni Ewropea hi mibnija fuq is-solidarjetà, fost iċ-ċittadini tagħha u fost l-Istati Membri tagħha. Dan il-valur komuni jiggwida l-azzjonijiet tagħha u jipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati sfidi attwali u fil-ġejjieni għas-soċjetà, li ż-żgħażaġh Ewropej huma lesti li jgħinu jindirizzaw billi jesprimu s-solidarjetà tagħhom fil-prattika.

Emenda

(1) L-Unjoni Ewropea hi mibnija fuq is-solidarjetà, fost iċ-ċittadini tagħha u fost l-Istati Membri tagħha. Dan il-valur komuni, ***minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea***, jiggwida l-azzjonijiet tagħha u jipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati sfidi attwali u fil-ġejjieni għas-soċjetà, li ż-żgħażaġh Ewropej huma lesti li jgħinu jindirizzaw billi jesprimu s-solidarjetà tagħhom fil-prattika.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Minħabba ż-żieda sinifikanti fil-kriżijiet umanitarji u l-emerġenzi globali,

u bil-ħsieb li tissaħħaħ il-promozzjoni tas-solidarjetà u l-viżibbiltà tal-għajnuna umanitarja fost iċ-ċittadini tal-Unjoni, hemm bżonn li tiġi żviluppata s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi affettwati minn diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) L-għajnuna umanitarja hija bbażata fuq il-prinċipji ta' imparzjalità, newtralità u nondiskriminazzjoni, li huma inkorporati fid-dritt umanitarju internazzjonali u fid-dritt tal-Unjoni. L-għajnuna umanitarja tipprovdi rispons ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet u mmirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffja tat-tbatija umana u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem kif ukoll l-għoti ta' protezzjoni lill-gruppi vulnerabbli affettwati minn diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem. It-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u t-tħejjija permezz ta' attivitajiet ta' bini ta' kapaċità u reżiljenza huma wkoll elementi essenzjali tal-għajnuna umanitarja.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tas-7 ta' Diċembru 2016¹⁸, il-Kummissjoni saħqet fuq il-bżonn li jissaħħu l-pedamenti għal ħidma ta' solidarjetà madwar l-Ewropa, biex iż-żgħażaġh jiġu pprovduti b'iktar opportunitajiet u ta' kwalità aħjar għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, u biex jingħata appoġġ lill-atturi nazzjonali u lokali, fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw sfidi u kriżijiet differenti. Il-Komunikazzjoni nediet l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li fiha ġew **immobilizzati** programmi differenti tal-Unjoni biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, ta' traineeship jew ta' impjiegi liż-żgħażaġh madwar l-UE.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Korp Ewropew ta' Solidarjetà (COM(2016) 0942 final).

Emenda

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tas-7 ta' Diċembru 2016¹⁸, il-Kummissjoni saħqet fuq il-bżonn li jissaħħu l-pedamenti għal ħidma ta' solidarjetà madwar l-Ewropa, biex iż-żgħażaġh jiġu pprovduti b'iktar opportunitajiet u ta' kwalità aħjar għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, u biex jingħata appoġġ lill-atturi nazzjonali, **reġjonali** u lokali, fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw sfidi u kriżijiet differenti. Il-Komunikazzjoni nediet l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li fiha ġew **mobilizzati** programmi differenti tal-Unjoni biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, ta' traineeship jew ta' impjiegi liż-żgħażaġh madwar l-UE.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Korp Ewropew ta' Solidarjetà (COM(2016) 942 final).

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, is-solidarjetà hija mifhuma bħala sens ta' responsabbiltà min-naħa ta' kulħadd fil-konfront ta' kulħadd, b'impenn favur il-ġid komuni, espress permezz ta' azzjonijiet konkreti mingħajr ma wieħed jistenna xi ħaġa lura.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) L-għoti ta' assistenza lil persuni u komunitajiet barra mill-Unjoni li jiffaċċjaw diżastri jew li huma partikolarment vulnerabbli għad-diżastri u fil-bżonn ta' għajjuna umanitarja, ibbażata fuq il-prinċipji fundamentali ta' newtralità, umanità, indipendenza u imparzjalità, hija espressjoni ta' solidarjetà importanti.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4c) Jenħtieġ li l-voluntiera parteċipanti u l-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Korp Volontarju Ewropew ta' Ghajjuna Umanitarja jirrispettaw il-prinċipji stabbiliti fil-Kunsens Ewropew dwar l-Ghajjuna Umanitarja.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 4d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4d) Hemm bżonn li s-solidarjetà mal-vittmi ta' kriżijiet u diżastri f'pajjiżi terzi tiġi żviluppata aktar, u li jiżdedu kemm il-livelli ta' sensibilizzazzjoni kif ukoll il-viżibbiltà tal-għajnuna umanitarja u l-volontarjat b'mod ġenerali bħala attività tul il-ħajja fost iċ-ċittadini tal-Unjoni.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 4e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4e) L-Unjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jimplimentaw l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha, kemm internament kif ukoll permezz ta' azzjonijiet esterni.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 4f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4f) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2017 dwar l-operazzjonalizzazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp, il-Kunsill irrikonoxxa l-ħtieġa li tissaħħaħ ir-reżiljenza permezz ta' rabta aħjar bejn l-għajnuna umanitarja u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li jkomplu jissaħħu r-rabtiet operazzjonali bejn l-approċċi komplementari tal-għajnuna umanitarja, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-prevenzjoni tal-kunflitti.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5) Iż-żgħażaġh jenħtieġ li **jiggu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu** faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh.

(5) Iż-żgħażaġh jenħtieġ li **jingħataw opportunitajiet** faċilment aċċessibbli, **inklużivi u sinifikattivi** biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, **għarfien**, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tat-trainees u tal-ħaddiema żgħażaġh **kif ukoll l-iskambju multikulturali.**

Emenda 12

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, ***fis-sens li dawn għandhom iwieġbu għall-ħtiġijiet*** mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-komunitajiet, joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ***ikunu*** finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.

Emenda

(6) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażaġh jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja; ***jenħtieġ li jkollhom l-għan li jindirizzaw il-ħtiġijiet*** mhux issodisfati tas-soċjetà, ***isaħħu s-solidarjetà u*** jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-komunitajiet ***u tal-parteċipazzjoni demokratika***. ***Jenħtieġ li*** joffru liż-żgħażaġh l-opportunità li jiksbu għarfien, ***hili*** u kompetenzi siewja. ***Jenħtieġ li jkunu*** finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażaġh u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri, ***inklużivi*** u tajbin. ***Jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ id-djalogu mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u man-networks Ewropej speċjalizzati fi problemi soċjali urġenti sabiex jiġu ddeterminati bl-aħjar mod il-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà u jiġi żgurat programm orjentat lejn il-ħtiġijiet***. ***Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' solidarjetà ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-impjiegi jew it-traineeships eżistenti u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tar-responsabbiltà soċjali korporattiva tal-kumpaniji, mingħajr ma jeħdulhom posthom***.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 7

(7) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà **fi ħdan l-Unjoni** u lil hinn. Il-konsistenza u **l-komplimentarjetà** jenħtieġ li jiġu żgurati flimkien ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa mibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi predeċessuri u dawk eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew¹⁹ u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE²⁰. Dan **jikkomplimenta** wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol **skont il-Garanzija** għaż-Żgħażaġħ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fl-għamla ta' traineeships jew ta' impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà **fi ħdan l-Istat Membru** rispettiv tagħhom jew **bejn il-fruntieri**. Hija żgurata wkoll **il-komplimentarjetà** ma' networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet **skont il-Korp** Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, l-EURES u n-network Eurodesk. Barra minn hekk, **il-komplimentarjetà** bejn skemi relatati eżistenti, b'mod partikolari skemi ta' solidarjetà nazzjonali u skemi ta' mobilità għaż-żgħażaġh, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li tiġi żgurata **permezz ta' elaborazzjoni** fuq **il-prattiki** tajba **fejn xieraq**.

(7) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà **fl-Unjoni** u lil hinn **minnha**. Il-konsistenza u **l-komplementarjetà** jenħtieġ li jiġu żgurati flimkien ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa mibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi predeċessuri u dawk eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew¹⁹ u l-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE²⁰. Dan **jikkomplementa** wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġaw liż-żgħażaġh u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol **fil-qafas ta' skemi bħall-Garanzija** għaż-Żgħażaġħ billi jipprovduhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fl-għamla ta' traineeships jew ta' impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà **fl-Istat Membru** rispettiv tagħhom jew **barra l-pajjiż**. Hija żgurata wkoll **il-komplementarjetà** ma' networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet **tal-Korp** Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, l-EURES u n-network Eurodesk **u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti, inklużi s-sħab soċjali u n-networks li jirrappreżentaw liż-żgħażaġh u l-voluntiera**. Barra minn hekk, **il-komplementarjetà** bejn skemi relatati eżistenti, b'mod partikolari skemi ta' solidarjetà nazzjonali **bħall-volontarjat, is-servizz ċivili** u skemi ta' mobilità għaż-żgħażaġh, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li tiġi żgurata **billi tibni** fuq **prattiki** tajba, **jekk ikun il-każ, biex l-impatt u l-kwalitajiet ta' dawn l-iskemi jissaħħu reċiprokament u jkun mibnija fuq Prattiki tajba**. **Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ma jiħux post l-iskemi nazzjonali**. **Jenħtieġ li ż-żgħażaġh kollha jingħataw aċċess għall-attivitajiet ta' solidarjetà nazzjonali**.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida prattiċi dwar il-komplementarjetà tal-Programm ma' programmi u sorsi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni u dwar kwalunkwe sinerġija bejniethom.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, **p.50-73**).

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (**"l-Inizjattiva** Voluntiera tal-Għajnuna **tal-UE"**) (ĠU L 122, 24.4.2014, **p.1-17**).

¹⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, **p. 50**).

²⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja (**"l-Inizjattiva** Voluntiera tal-Għajnuna **tal-UE"**) (ĠU L 122, 24.4.2014, **p. 1**).

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni tal-organizzazzjonijiet emittenti u ospitanti mwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru 375/2014 ma tiġix ripetuta fil-qafas tal-Programm u li tiġi rikonoxxuta l-ekwivalenza fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-2021 'il quddiem.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jagħti opportunitajiet ġodda għaż-żgħażaġh biex iwettqu attivitajiet ta' volontarjat, traineeship jew impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà, kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjetà abbażi tal-inizjattiva tagħhom stess. Dawn l-opportunitajiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa wkoll attivitajiet ta' **network** għall-parteciċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll lill-miżuri li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet appoġġati u li jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom. Għalhekk, dan se jikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni Ewropea rilevanti għaż-żgħażaġh u s-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt pożittiv **tiegħu**.

Emenda

(9) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jagħti opportunitajiet ġodda **ta' tagħlim mhux formali u informali** għaż-żgħażaġh biex iwettqu attivitajiet ta' volontarjat, traineeship jew impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà, kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjetà abbażi tal-inizjattiva tagħhom stess. Dawn l-opportunitajiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa wkoll attivitajiet ta' **networking** għall-parteciċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll lill-miżuri li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet appoġġati u li jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom. Għalhekk, dan se jikkontribwixxi wkoll għall-kooperazzjoni Ewropea rilevanti għaż-żgħażaġh u s-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt pożittiv **tagħha. Jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-komunitajiet u l-appoġġ tal-organizzazzjonijiet eżistenti li jimplimentaw azzjonijiet ta' solidarjetà.**

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali,

Emenda

(10) Dawn l-attivitajiet jenħtieġ li **jkollhom valur miżjud Ewropew ċar u** jkunu għall-benefiċċju tal-komunitajiet

edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-individwu, **li jista' jieħu** l-għamla ta' volontarjat, traineeships u impjiegi, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali –, iċ-ċittadinanza u l-parteeċipazzjoni demokratika, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni **ta' diżastri**, it-tħejjija għalihom u l-irkupru minnhom, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività **u l-kultura**, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteeċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.

filwaqt li jrawmu wkoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-individwu. **Jenħtieġ li dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu jieħdu** l-għamla ta' volontarjat, traineeships u impjiegi, proġetti jew attivitajiet ta' networking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija – b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali –, iċ-ċittadinanza u l-parteeċipazzjoni demokratika, **id-djalogu interkulturali u interreliġjuż, l-inklużjoni soċjali, l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà**, il-protezzjoni tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni **tad-diżastri**, it-tħejjija għalihom u l-irkupru minnhom, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, **il-kultura, inkluż il-wirt kulturali**, il-kreattività, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, **b'enfasi fuq l-isfidi li jiffaċċjaw il-migranti**, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali, u l-kooperazzjoni bejn il-fruntieri. Dawn l-attivitajiet ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu dimensjoni soda ta' tagħlim u ta' taħriġ permezz ta' attivitajiet rilevanti li jistgħu jiġu offruti lill-parteeċipanti qabel, matul u wara l-attività ta' solidarjetà.

Emenda 17

Proposta għal regolament

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha)

Emenda

(11) L-attivitajiet ta' volontarjat (kemm fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll lil hinn minnha)

jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħa l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażaġh, kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà tagħhom. L-attivitajiet ta' volontarjat **jienhtieg li** ma jkollhomx effett avvers fuq impjeg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jienhtieg li jitqiesu bħala sostitut **għal dan**. Jienhtieg li l-Kummissjoni u l-Istati Membri **jikkooperaw** fir-rigward tal-politiki **ta' volontarjat** fil-qasam taż-żgħażaġh permezz **ta' metodu** miftuħ ta' **kooperazzjoni**.

jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħa l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażaġh, kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva, **il-parteciċipazzjoni demokratika** u l-impjegabbiltà tagħhom. **Jienhtieg li l-volontarjat ikun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub u li** l-attivitajiet ta' volontarjat ma jkollhomx effett avvers fuq impjeg bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma jienhtieg li jitqiesu bħala sostitut **tiegħu**. Jienhtieg li l-Kummissjoni u l-Istati Membri **jikkooperaw** fir-rigward tal-politiki **tal-volontarjat** fil-qasam taż-żgħażaġh permezz **tal-metodu** miftuħ **ta' koordinazzjoni**.

Emenda 18

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) *It-traineeships* u l-impjiegi **f'oqsm** **relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażaġh biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol filwaqt li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Dan jista' jgħin** biex **jitravmu** l-impjegabbiltà **u l-produttività** taż-żgħażaġh **filwaqt li titħaffef it-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjiegi**, li hi xi ħaġa importanti **biex jissaħħu l-possibiltajiet** tagħhom fis-suq tax-xogħol. **L-attivitajiet ta' traineeships** offriti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà **jsegwu** l-prinċipji **tal-kwalità** spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar **l-istabbiliment ta'** Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships²¹. *It-traineeships* u l-impjiegi offriti **jikkostitwixxu pont li permezz**

Emenda

(12) *Jienhtieg li t-traineeships* u l-impjiegi **faċilment aċċessibbli jkun** **separati b'mod ċar mill-volontarjat, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll minn dak organizzattiv. Jienhtieg li t-traineeships qatt ma jwasslu għas-sostituzzjoni ta' impjeg. Madankollu, l-impjiegi u t-traineeships imħallsa jistgħu jirrappreżentaw inċentiv għal żgħażaġh** **żvantaġġati u żgħażaġh b'inqas opportunitajiet biex jipparteċipaw f'attivitajiet relatati mas-solidarjetà li jaf ma jkunux aċċessibbli għalihom mod ieħor filwaqt li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar billi jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali mhux issodisfati u jissaħħu l-komunitajiet lokali. It-traineeships jistgħu jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh mill-**

tiegħu, iż-żghaḡaḡh jidħlu fis-suq tax-xoḡhol u jkunu akkumpanjati minn appoḡḡ adegwat wara l-attività. L-attivitàajiet ta' traineeship u impjieggi huma ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xoḡhol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjieggi, mis-sħab soċjali u mill-Kmamar tal-Kummerċ, u huma rimunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, dawn jenħtieġ li japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteċipanti żghaḡaḡh u l-impjegaturi li joffru l-attivitàajiet ta' traineeship u ta' impjieggi fis-setturi tas-solidarjetà.

edukazzjoni għall-impjieg u jistgħu jgħinu biex titrawwem l-impjegabbiltà taż-żghaḡaḡh, li hi xi ħaġa importanti għall-integrazzjoni sostenibbli tagħhom fis-suq tax-xoḡhol. It-traineeships u l-impjieggi offruti jikkostitwixxu pont li, permezz tiegħu, iż-żghaḡaḡh jidħlu fis-suq tax-xoḡhol. Jenħtieġ li t-traineeships u l-impjieggi offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħallsu dejjem mill-organizzazzjoni parteċipanti li tkun qed tospita jew timpjega lill-parteċipant. It-traineeships jenħtieġ li jkunu bbażati fuq ftehim ta' traineeship bil-miktub skont il-liġi applikabbli tal-pajjiż fejn isir it-traineeship, skont il-każ, u jenħtieġ li jsegwu l-prinċipji spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships²¹. Jenħtieġ li l-impjieggi jkunu bbażati fuq kuntratt ta' impjieg skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi applikabbli, jew it-tnejn, tal-pajjiż parteċipanti fejn ikun qed jitwettag l-impjieg. Jenħtieġ li l-appoḡḡ finanzjarju mogħti lill-organizzazzjonijiet parteċipanti li joffru l-impjieggi ma jkunx għal aktar minn tnax-il xahar. Jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet parteċipanti japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteċipanti żghaḡaḡh u l-impjegaturi li joffru attivitàajiet ta' traineeships u impjieggi fis-setturi tas-solidarjetà. Jenħtieġ li t-traineeships u l-impjieggi jkunu akkumpanjati minn preparazzjoni, taħriġ fuq il-post tax-xoḡhol u appoḡḡ wara l-kollokament adegwati fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-parteċipant. It-traineeships u l-impjieggi jistgħu jiġu ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xoḡhol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjieggi, mis-sħab soċjali u mill-Kmamar tal-Kummerċ, kif ukoll mill-organizzazzjonijiet membri tal-EURES, skont ir-Regolament (UE) Nru 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{21a}, fil-każ ta' attivitàajiet

transfruntiera.

²¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill *tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi* (ĠU L 153, 2.5.2018, p.1).

²¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill *tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships* (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1).

^{21a} *Ir-Regolament (UE) 2016/589 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' April 2016 dwar netwerk Ewropew ta' servizzi tal-impjiegi (EURES), aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol u li jemenda Regolamenti (UE) Nru 492/2011 u (UE) Nru 1296/2013* (ĠU L 107, 22.4.2016, p. 11).

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Jenħtieġ li jsiru sforzi biex jiġi żgurat li t-traineeships u l-impjiegi jkunu miftuħin għall-parteċipazzjoni taż-żghażaġh kollha, b'mod partikolari ż-żghażaġh b'inqas opportunitajiet, inklużi dawk b'diżabbiltà, bi żvantaġġi soċjali jew kulturali, il-migranti u r-residenti f'żoni rurali iżolati u fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Premessa 13**

(13) L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażaġh jiġu **appoġġati li** jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq **għall-involviment ulterjuri** f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex jinvolvu rwieħhom f'impjieg indipendenti **jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta'** organizzazzjonijiet nongovernattivi jew **ta'** korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh.

(13) L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażaġh hu assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażaġh li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Dawn il-proġetti huma opportunità biex jiġu ppruvati ideat **għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi komuni permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq** u biex iż-żgħażaġh jiġu **megħjuna** jkunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn iservu wkoll bħala punt tat-tluq **għal aktar involviment** f'attivitajiet ta' solidarjetà u huma l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu sabiex jinvolvu rwieħhom f'impjieg indipendenti **u jkomplu jkunu ċittadini attivi bħala voluntiera u trainees jew bħala impjegati f'assoċjazzjonijiet**, organizzazzjonijiet nongovernattivi jew korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà, ta' mingħajr skop ta' qligħ u taż-żgħażaġh. **Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà essenzjalment joħloq atmosfera li fiha ż-żgħażaġh ikunu dejjem aktar motivati biex jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà u jservu l-interess pubbliku.**

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

(13a) Il-voluntiera jistgħu jikkontribwixxu

għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li tipprovdi għajnuna umanitarja etika u bbażata fuq il-ħtiġijiet kif ukoll għat-titjib tal-effikaċja tas-settur umanitarju meta jkunu adegwatament magħżula, mħarrġa u mhejjja għall-mobilizzazzjoni sabiex jiġi żgurat li jkollhom il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jgħinu lin-nies fil-bżonn bl-aktar mod effikaċi possibbli, u dment li jkunu jistgħu jistrieħu fuq appoġġ u superviżjoni suffiċjenti fuq il-post. Għalhekk, il-preżenza ta' kowċis jew mentors b'livell għoli ta' ħiliet, taħriġ u esperjenza fuq il-post hija importanti billi dawn jikkontribwixxu għall-effikaċja tal-azzjoni umanitarja u għall-appoġġ mogħti lill-voluntiera.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Jenħtieġ li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jħossu li jappartjenu f'komunità ta' individwi u ta' entitajiet bl-impenn li jsaħħu s-solidarjetà madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti jeħtieġu l-appoġġ biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom **biex** joffru attivitajiet ta' kwalità tajba lil numru dejjem jikber ta' parteċipanti. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa l-attivitajiet ta' netwerking **bl-għan** li jsaħħu l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti f'din il-komunità, **li jrawwem** spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll **li jhegġegħ** l-iskambju **ta' prattiki u ta' esperjenza siewja**. Dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll għas-

Emenda

(14) Jenħtieġ li ż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jħossu li jappartjenu f'komunità ta' individwi u ta' entitajiet bl-impenn li jsaħħu s-solidarjetà madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti jeħtieġu l-appoġġ biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom **li** joffru attivitajiet ta' kwalità tajba lil numru dejjem jikber ta' parteċipanti. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġa l-attivitajiet ta' netwerking **li jkollhom l-għan** li jsaħħu l-involviment taż-żgħażaġh u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti f'din il-komunità, **irawmu** spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll **iħeġġu** l-iskambju **tal-aħjar** prattiki u **esperjenzi**. Dawn l-attivitajiet jikkontribwixxu wkoll għas-sensibilizzazzjoni dwar il-Korp

sensibilizzazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll għall-ġbir ta' feedback mingħand il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti dwar ***l-implimentazzjoni*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Ewropew ta' Solidarjetà fost l-atturi pubbliċi u privati, kif ukoll għall-ġbir ta' feedback ***dettaljat u sinifikattiv*** mingħand il-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet parteċipanti dwar ***l-istadji differenti tal-implimentazzjoni*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Jenħtieġ li l-feedback jinkludi mistoqsijiet dwar l-oġettivi tal-Programm sabiex it-twettiq tagħhom jiġi evalwat aħjar.***

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Is-suċċess tal-implimentazzjoni tal-Programm jirrikjedi viżibbiltà u sensibilizzazzjoni akbar u aktar promozzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, inkluż Jum ta' Informazzjoni annwali dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u mezz ta' komunikazzjoni dinamiċi b'enfasi qawwija fuq il-midja soċjali, filwaqt li tiġi żgurata l-akbar sensibilizzazzjoni possibbli fost il-gruppi fil-mira, kemm individwi kif ukoll organizzazzjonijiet.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 15

(15) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***għall-iżgurar tal-kwalità*** tal-attivitajiet u ***opportunitajiet oħra*** offruti ***taħt il-Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku, assigurazzjoni, ***appoġġ amministrattiv*** u appoġġ wara l-attività lill-partiċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-ġarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Is-sikurezza u s-sigurtà ***tal-voluntiera*** jibqgħu ta' importanza kruċjali ***u l-voluntiera ma għandhomx jintbagħtu*** f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali.

(15) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari ***biex tiġi iżgurata l-kwalità*** tal-attivitajiet u ***l-opportunitajiet*** offruti ***mill-Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà – ***u li jintlaħaq l-għan tal-inklużività*** – b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ ***online jew offline adegwat***, appoġġ lingwistiku, ***akkomodazzjoni raġonevoli***, assigurazzjoni, ***proċeduri amministrattivi simplifikati*** u appoġġ ***qabel u*** wara l-attività lill-partiċipanti, kif ukoll il-validazzjoni tal-ġarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Jenħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu żviluppati u pprovduti f'kollaborazzjoni mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u ma' organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili u mingħajr skop ta' qligħ sabiex jiġi sfruttat l-ġarfien espert tagħhom fil-qasam.*** Is-sikurezza u s-sigurtà ***tal-partiċipanti, kif ukoll tal-benefiċjarji fil-mira***, jibqgħu ta' importanza kruċjali. ***L-attivitajiet kollha għandhom ikunu konformi mal-prinċipju li ma ssirx ħsara ("do no harm").*** ***Jenħtieġ li l-partiċipanti ma jintbagħtux jaħdmu*** f'operazzjonijiet li jitwettqu f'żoni ta' kunflitti armati internazzjonali u mhux internazzjonali, ***jew f'faċilitajiet li jmorru kontra l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.*** ***Jenħtieġ li l-attivitajiet li jinvolvu kuntatt dirett mat-tfal ikunu gġwidati mill-prinċipju ta' "fl-aħjar interess tat-tfal" u jinkludu, jekk ikun il-każ, it-twettiq ta' kontrolli tal-kondotta fil-konfront tal-partiċipanti jew l-adozzjoni ta' miżuri oħra bil-ħsieb li tiġi iżgurata l-protezzjoni tat-tfal.***

**Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) F'konformità mal-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal (2017) u l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jippromwovu u jappoġġaw it-tranżizzjoni mill-istituzzjonalizzazzjoni tal-persuni vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabbiltà u t-tfal, lejn il-kura fil-familja u bbażata fil-komunità. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-Programm ma jappoġġax miżuri jew inizjattivi li jfixklu l-impenn li tispiċċa l-istituzzjonalizzazzjoni jew li jintemm kwalunkwe kollokament li jkun ta' ħsara għat-tfal jew għall-persuni b'diżabbiltà.

Emenda 26

**Proposta għal regolament
Premessa 15b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15b) Jenħtieġ li l-prinċipji tal-Unjoni fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni jkunu rispettati bis-sih fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fl-identifikazzjoni u l-għażla tal-parteċipanti u l-organizzazzjonijiet.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Biex jiġi żgurat l-impatt tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-parteciċipanti, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma l-eżiti tat-tagħlim tal-attività, jenħtieġ li jiġu identifikati u dokumentati kif xieraq, f'konformità ma' ċirkustanzi u mal-ispeċifikitajiet nazzjonali, kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali²².

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, **p.1–5**).

Emenda

(16) Biex jiġi żgurat l-impatt tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, **kulturali**, ċiviku u professjonali tal-parteciċipanti, l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma l-eżiti tat-tagħlim tal-attività, jenħtieġ li jiġu identifikati u dokumentati kif xieraq, f'konformità ma' ċirkustanzi u mal-ispeċifikitajiet nazzjonali, kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali²². ***Biex jiġi żgurat li l-kandidati reġistrati jiġu offruti attivitajiet adatti, jenħtieġ li l-eżiti tat-tagħlim mill-attivitajiet ta' solidarjetà jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom qabel jagħżlu li jipparteċipaw. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ l-użu ta' strumenti effikaċi fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni għar-rikonoxximent tat-tagħlim mhux formali u informali, bħall-Youthpass u l-Europass, skont il-każ.***

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali (ĠU C 398, 22.12.2012, **p. 1**).

Emenda 28

Proposta għal regolament Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16a) Jenħtieġ li l-aġenziji nazzjonali jinkoraġġixxu wkoll lill-voluntiera żgħażaġh isiru ambaxxaturi tal-Programm u jaqsmu l-esperjenzi tagħhom permezz ta' netwerks taż-żgħażaġh, stabbilimenti edukattivi u workshops. L-ex voluntiera jew ambaxxaturi jistgħu wkoll jikkontribwixxu għat-taħriġ ta' kandidati prospettivi.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) It-tikketta tal-kwalità jenħtieġ li tiżgura l-konformità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti mal-prinċipji u **mar-rekwiżiti tal-Karta** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet u **tar-responsabbiltajiet** tagħhom matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà. Il-kisba ta' tikketta tal-kwalità hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni iżda jenħtieġ li ma twassalx b'mod awtomatiku għal finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(17) It-tikketta tal-kwalità jenħtieġ li tiżgura l-konformità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti **mal-valuri, il-prinċipji u l-oġettivi tal-Unjoni kif ukoll** mal-prinċipji u **r-rekwiżiti** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet u **r-responsabbiltajiet** tagħhom – **kif ukoll l-istandards tas-sikurezza** – matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà, **inklużi l-istadji ta' qabel u wara l-attività**. Il-kisba ta' tikketta tal-kwalità hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni iżda jenħtieġ li ma twassalx b'mod awtomatiku għal finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **Jenħtieġ li t-tikketti tal-kwalità jkunu differenti minn xulxin, skont x'tip ta' attività ta' solidarjetà jkopru.**

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Kwalunkwe entità li tixtieq tieġu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, **diment** li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **It-tikketta** tal-kwalità attribwita **jenħtieġ li** terġa' tiġi vvalutata **b'mod perijodiku u tista'** tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.

Emenda

(18) Kwalunkwe entità li tixtieq tieġu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità, **dment** li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. **Biex tiġi żgurata l-konformità effettiva tal-organizzazzjonijiet parteċipanti mal-prinċipji u r-rekwiżiti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fir-rigward tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom, jenħtieġ li jiddaħħlu fis-seħħ tikketti tal-kwalità separati għall-volontarjat f'attivitajiet ta' solidarjetà, il-volontarjat b'appoġġ għal operazzjonijiet ta' għajjnuna umanitarja, it-traineeships u l-impjiegi, li jvarjaw ukoll skont il-funzjoni tal-organizzazzjoni parteċipanti.** Il-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jenħtieġ li jitwettaq fuq bażi kontinwa mill-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **Jenħtieġ li t-tikketta** tal-kwalità attribwita terġa' tiġi vvalutata **regolarment u** jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati, **tiġi revokata.** **Jenħtieġ li l-proċess amministrattiv jiqsar kemm jista' jkun biex ma jaqtax qalb organizzazzjonijiet iżgħar.**

Emenda 31

**Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) Bħala regola ġenerali, jenħtieġ li t-talbiet għal għotjiet jintbagħtu lill-aġenzija nazzjonali tal-pajjiż fejn tkun ibbażata l-organizzazzjoni. Jenħtieġ li talbiet għal għotjiet li jirrigwardaw attivitajiet ta' solidarjetà organizzati minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew preżenti fl-Ewropa kollha, attivitajiet ta' solidarjetà minn timijiet ta' voluntiera fl-oqsma ta' prijorità identifikati fil-livell Ewropew u attivitajiet ta' solidarjetà b'appoġġ għal operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi jintbagħtu lill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) mwaqqfa mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE^{1a}.

^{1a} Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/776/UE tat-18 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi "L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" u li tħassar id-Deċiżjoni 2009/336/KE (ĠU L 343, 19.12.2013, p. 46).

Emenda 32

**Proposta għal regolament
Premessa 20**

(20) **Organizzazzjonijiet** parteċipanti jistgħu **iwettqu** bosta funzjonijiet fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. F'funzjoni ta' ospitant, huma jwettqu attivitajiet marbuta mal-akkoljenza tal-parteeċipanti, **inkluż** l-organizzazzjoni ta' attivitajiet, u l-għoti ta' gwida u appoġġ lill-parteeċipanti waqt l-attività ta' solidarjetà, **kif xieraq**. F'funzjoni ta' appoġġ, huma jwettqu attivitajiet marbuta ma' li **jibgħatu** l-parteeċipanti u t-tnejn tal-parteeċipanti qabel it-tluq, matul u wara l-attività ta' solidarjetà, **inkluż it-taħriġ**, u l-gwida tal-parteeċipanti għal organizzazzjonijiet lokali wara l-attività.

(20) **L-organizzazzjonijiet** parteċipanti jistgħu **jwettqu** bosta funzjonijiet fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. F'funzjoni ta' ospitant, huma jwettqu attivitajiet marbuta mal-akkoljenza tal-parteeċipanti, **fosthom** l-organizzazzjoni ta' attivitajiet u l-għoti ta' gwida u appoġġ lill-parteeċipanti waqt l-attività ta' solidarjetà **kif ukoll feedback wara l-attività, skont il-każ**. F'funzjoni ta' appoġġ, huma jwettqu attivitajiet marbuta ma' li **jibagħtu** l-parteeċipanti u t-tnejn tal-parteeċipanti qabel it-tluq, matul u wara l-attività ta' solidarjetà, **inklużi t-taħriġ** u l-gwida tal-parteeċipanti għal organizzazzjonijiet lokali wara l-attività **sabiex jiżiedu l-opportunitajiet għal aktar esperjenzi ta' solidarjetà. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aġenziji nazzjonali jħeġġu lill-voluntiera jsiru ambaxxaturi tal-Programm u jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom permezz ta' networks taż-żgħażaġh u stabbilimenti edukattivi, u b'hekk jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-Programm. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-aġenziji nazzjonali jagħtu appoġġ lill-voluntiera.**

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

(20a) Sabiex l-attivitajiet ta' solidarjetà fost iż-żgħażaġh jingħataw appoġġ, jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet parteċipanti jkunu entitajiet pubbliċi jew privati jew organizzazzjonijiet

internazzjonali – sew bi skop ta' qligħ u sew mingħajru – u jistgħu jinkludu organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, istituzzjonijiet reliġjużi u assoċjazzjonijiet tal-karità, organizzazzjonijiet umanistiċi sekulari, NGOs jew atturi oħra mis-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li l-finanzjament tal-Programm ikopri biss il-parti mingħajr qligħ tal-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti.

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat it-tkabbir tal-proġetti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ miżuri speċifiċi li **jgħini** lill-promoturi tal-proġetti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex japplikaw għal għotjiet jew jiżviluppaw sinerġiji permezz ta' appoġġ għal Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-programmi marbuta mal-migrazzjoni, is-sigurtà, il-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, is-saħħa u l-kultura.

Emenda

(21) Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat it-tkabbir tal-proġetti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-benefiċjarji potenzjali jingħataw informazzjoni preċiża u aġġornata kontinwament dwar dawk l-opportunitajiet.*** Jenħtieġ li jidħlu fis-seħħ miżuri speċifiċi li **jgħinu** lill-promoturi tal-proġetti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex japplikaw għal għotjiet jew jiżviluppaw sinerġiji permezz ta' appoġġ għal Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-programmi marbuta mal-migrazzjoni, is-sigurtà, il-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, is-saħħa u l-kultura.

Emenda 35

Proposta għal regolament Premessa 23

(23) Il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jibqa' jiġi żviluppat b'mod kontinwu biex jiġi żgurat aċċess faċli għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà **u jiġi pprovdut** one-stop shop kemm għall-individwi, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati fir-rigward tar-reġistrazzjoni, **tal-identifikazzjoni u tat-tlaqqigħ** tal-profilu u **tal-opportunitajiet, tan-netwerking u tal-iskambji** virtwali, **tat-taħriġ** online, **tal-appoġġ** lingwistiku u **tal-appoġġ** wara l-attività, kif ukoll ta' funzjonalitajiet siewja oħra, fost l-oħrajn, li jistgħu jqumu fil-futur.

(23) Il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li jibqa' jiġi żviluppat b'mod kontinwu biex jiġi żgurat aċċess faċli, **sempliċi u mingħajr ostakli** għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, **f'konformità mal-istandards stabbiliti mid-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}. Il-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi** one-stop shop kemm għall-individwi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati fir-rigward tar-reġistrazzjoni, **l-identifikazzjoni u t-tlaqqigħ** tal-profilu u **l-opportunitajiet, in-netwerking u l-iskambji** virtwali, **it-taħriġ** online, **l-appoġġ** lingwistiku u **l-appoġġ qabel u** wara l-attività, **il-mekkaniżmu ta' feedback u evalwazzjoni**, kif ukoll **fir-rigward** ta' funzjonalitajiet siewja oħra, fost l-oħrajn, li jistgħu jqumu fil-futur. **Filwaqt li one-stop shop joffri l-vantaġġ ta' aċċess integrat għal attivitajiet differenti, l-individwi jistgħu jiffaċċjaw ostakli fiżiċi, soċjali u oħrajn biex jidħlu fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Sabiex jingħelbu dawn l-ostakli, jenħtieġ li l-organizzazzjonijiet parteċipanti jgħinu lill-parteċipanti jirreġistraw.**

^{1a} **Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).**

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Jenħtieġ li ***l-Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà jiġi żviluppat ***ulterjument*** filwaqt li jitqies il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà²³, li jagħti gwida speċifika dwar kif jitwaqqfu s-servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli u li huwa implimentat fl-Istati Membri u fil-membri l-oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea permezz tal-Oqfsa Ewropej għall-Interoperabbiltà. Huwa joffri lill-amministrazzjonijiet pubbliċi ***b'47*** rakkomandazzjoni konkreta dwar kif itejbu l-governanza tal-attivitajiet ta' interoperabbiltà tagħhom, jistabbilixxu r-relazzjonijiet fost l-organizzazzjonijiet, jissimplifikaw il-proċessi li jappoġġaw is-servizzi diġitali minn tarf sa tarf, u jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti u dik ġdida ma jikkompromettux l-isforzi ta' interoperabbiltà.

²³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni (COM(2017) 134 final).

Emenda

(24) Jenħtieġ li ***l-Portal tal-Korp*** Ewropew ta' Solidarjetà jiġi żviluppat ***ulterjorment*** filwaqt li jitqies il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà²³, li jagħti gwida speċifika dwar kif jitwaqqfu s-servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli u li huwa implimentat fl-Istati Membri u fil-membri l-oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea permezz tal-Oqfsa Ewropej għall-Interoperabbiltà. Huwa joffri lill-amministrazzjonijiet pubbliċi ***47*** rakkomandazzjoni konkreta dwar kif itejbu l-governanza tal-attivitajiet ta' interoperabbiltà tagħhom, jistabbilixxu r-relazzjonijiet fost l-organizzazzjonijiet, jissimplifikaw il-proċessi li jappoġġaw is-servizzi diġitali minn tarf sa tarf, u jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti u dik ġdida ma jikkompromettux l-isforzi ta' interoperabbiltà. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Portal jinbena skont l-istandards stabbiliti mid-Direttiva dwar (UE) 2016/2012.***

²³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà – l-Istrateġija ta' Implimentazzjoni (COM(2017) 134 final).

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 24a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24a) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tal-proċess tal-implimentazzjoni u tiżdied l-effikaċja tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta regolarmet lill-partijiet ikkonċernati ewlenin – inklużi l-organizzazzjonijiet parteċipanti – dwar l-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 38

**Proposta għal regolament
Premessa 24b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24b) Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb tal-Programm u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-azzjonijiet tiegħu, huwa essenzjali li fil-programmi ta' ħidma tal-Programm ikun hemm mekkaniżmi li jiggarrantixxu li ż-żgħażaġh reġistrati jsirulhom offerti f'żmien raġonevoli u relattivament prevedibbli. Għaldaqstant jenħtieġ li l-kandidati reġistrati jintbagħtulhom informazzjoni u aġġornamenti perjodiċi dwar il-kollokamenti disponibbli u l-organizzazzjonijiet parteċipanti involuti attivament sabiex jiġi stimulat l-involviment tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà wara li jkunu rreġistraw, filwaqt li jingħataw ukoll l-opportunità li jidħlu f'kuntatt dirett mal-atturi involuti fil-qasam tas-solidarjetà kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew.

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(27a) Abbażi tal-prinċipji tal-Unjoni fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs u n-nondiskriminazzjoni, jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni u l-persuni residenti fit-tul ikunu jistgħu jipparteċipaw bħala ċittadini attivi, irrispettivament mill-klassi soċjali jew l-età tagħhom. Fid-dawl tal-isfidi speċifiċi tal-azzjoni umanitarja, jenħtieġ li l-parteċipanti fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE jkollhom mill-inqas 18-il sena u jistgħu jirrappreżentaw varjetà wiesgħa ta' profili u ġenerazzjonijiet li l-ħiliet tagħhom ikunu rilevanti biex dawn l-operazzjonijiet umanitarji jirnexxu.

Emenda 40

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk ***l-aktar żvantaġġati***. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, ***il-parteċipazzjoni*** taż-żgħażaġh ***żvantaġġati***, kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u ***tal-Pajjiżi u tat-Territorji*** extra-Ewropej. ***B'mod simili, il-pajjiżi***

(28) Jjenhtieg li tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li l-attivitajiet appoġġati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha, b'mod partikolari dawk ***b'inqas opportunitajiet kif imfisser f'aktar dettall fl-Istrateġija tal-Inklużjoni u d-Diversità żviluppata u applikata fil-qafas tal-programm Erasmus+***. Jenħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali, ***bħal formati xierqa ta' attivitajiet ta' solidarjetà u gwida personalizzata***, biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali ***u l-parteċipazzjoni*** taż-

parteċipanti **jehntieg li** jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, **fejn** possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, **ta'** kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

żgħażaġh **b'inqas opportunitajiet**, kif ukoll biex jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota ta' għadd ta' żoni rurali u tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u **tal-pajjiżi u t-territorji** extra-Ewropej. **Għaldaqstant jenħtieġ li ż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet – mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li jipparteċipaw full-time u f'pajjiż li ma jkunx il-pajjiż fejn jirrisjedu – ikollhom ukoll il-possibbiltà li jipparteċipaw part-time jew fil-pajjiż fejn jirrisjedu u jibbenefikaw minn miżuri oħra li jkollhom l-għan li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-pajjiżi** parteċipanti jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li jsolvu, **meta jkun** possibbli, u mingħajr preġudizzju għall-acquis ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza, kif ukoll il-ħruġ tal-Karta tal-Assikurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea fil-każ ta' attivitajiet transfruntiera fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Emenda 41

Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28a) Jenħtieġ li l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet sħab ospitanti fil-pajjiżi terzi – kif ukoll il-ħtieġa li l-attivitajiet tal-voluntiera jiġu integrati fil-kuntest lokali u li tiġi ffaċilitata l-interazzjoni tal-voluntiera mal-atturi

umanitarji lokali, il-komunità ospitanti u s-soċjetà ċivili – jingħataw attenzjoni u appoġġ partikolari.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-azzjoni klimatika u l-kisba tal-mira ġenerali ta' 25 % tan-nefqiet tal-baġit tal-Unjoni li jappoġġaw l-għanijiet klimatiċi. Waqt it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Emenda

(29) Filwaqt li jirrifletti l-importanza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima f'konformità mal-impenji tal-Unjoni biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-azzjoni klimatika u l-kisba tal-mira ġenerali ta' ***mhux inqas minn*** 25 % tan-nefqiet tal-baġit tal-Unjoni li jappoġġaw l-għanijiet klimatiċi ***tul il-perjodu 2021-2027 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027.*** Waqt it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Programm se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u l-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Premessa 30a (ġdida)

(30a) Jenħtieġ li parti adegwata mill-baġit tkun iddedikata għall-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u għall-iżvilupp ta' netwerks taż-żgħażaġh.

Emenda 44

Proposta għal regolament Premessa 35

(35) F'konformità mal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"³¹, jenħtieġ li l-Programm iqis is-sitwazzjoni speċifika ta' dawn ir-reġjuni. Se jittieħdu miżuri biex tiżdied il-parteciċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-azzjonijiet kollha. Dawn il-miżuri se jiġu mmonitorjati regolament u evalwati.

(35) F'konformità mal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"³¹, jenħtieġ li l-Programm iqis is-sitwazzjoni speċifika ta' dawn ir-reġjuni. Se jittieħdu miżuri – ***fosthom pubbliċità aktar b'saħħitha*** – biex tiżdied il-parteciċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi fl-azzjonijiet kollha. Dawn il-miżuri se jiġu mmonitorjati regolament u evalwati.

³¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE COM(2017) 623 final).

³¹ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investiment – Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (COM(2017) 623 final).

Emenda 45

Test propost mill-Kummissjoni

(36) *F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta programmi ta' ħidma u tinforma dwarhom lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.* Jenħtieġ li l-programm ta' ħidma jistabbilixxi *l-miżuri* meħtieġa għall-implimentazzjoni f'konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm, mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti għall-għotjiet, kif ukoll mal-elementi l-oħra kollha meħtieġa. Jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma u kwalunkwe emenda tagħhom jiġu adottati *b'atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami.*

Emenda

(36) *Peress li l-Programm huwa implimentat fuq perjodu ta' seba' snin, jeħtieġ li tiġi prevista flessibilità xierqa sabiex il-Programm ikun jista' jadatta ruħu għal realtazjiet ġodda u għall-prijoritazjiet politiċi fl-implimentazzjoni tal-attivitazjiet ta' solidarjetà. Bħala tali, ir-Regolament ma jispjegax fid-dettall kif se jiffasslu l-azzjonijiet u ma jippreġudikax il-prijoritazjiet politiċi jew baġitarji rispettivi għas-seba' snin li jmiss. Minflok, jenħtieġ li l-għażliet u l-prijoritazjiet politiċi sekondarji, inklużi d-dettalji ta' azzjonijiet speċifiċi, li jkunu jridu jiġu implimentati permezz tal-attivitazjiet differenti, jiġu ddeterminati permezz ta' programm ta' ħidma annwali f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} (ir-Regolament Finanzjarju). Jenħtieġ li l-programm ta' ħidma jistabbilixxi *wkoll il-miżuri* meħtieġa għall-implimentazzjoni f'konformità mal-oġettivi ġenerali u speċifiċi tal-Programm, mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti għall-għotjiet, kif ukoll mal-elementi l-oħra kollha meħtieġa. Jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma u kwalunkwe emenda tagħhom jiġu adottati *permezz ta' att delegat. Biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejjija ta' atti delegati, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin.**

^{1a} *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit*

ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) **Sensibilizzazzjoni**, pubbliċità u disseminazzjoni xierqa tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġati **mill-Programm, jenħtieġ li jiġu żgurati** fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-intrapriżi soċjali billi jitħeġġu biex jappoġġaw l-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. L-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, **ta'** pubbliċità u **ta'** disseminazzjoni jenħtieġ li **jibbażaw fuq il-korpi** ta' implimentazzjoni kollha tal-Programm, **inkluż**, meta rilevanti, **bl-appoġġ** ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra.

Emenda

(38) **Jenħtieġ li jiġu żgurati** sensibilizzazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni xierqa tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġati **mill-Programm** fil-livell Ewropew, **reġjonali**, nazzjonali u lokali. **Jenħtieġ li l-Programm jiġi promoss permezz ta' mezz ta' komunikazzjoni dinamiċi, b'enfasi speċjali fuq il-midja soċjali, sabiex jintlaħaq għadd kbir ta' kandidati potenzjali.** Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-intrapriżi soċjali billi jitħeġġu biex jappoġġaw l-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. **Jenħtieġ li l-attivitajiet** ta' sensibilizzazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni **jkollhom l-appoġġ tal-korpi** ta' implimentazzjoni kollha tal-Programm, **is-siti web tal-Unjoni, il-programmi tal-Unjoni assoċjati mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u**, meta rilevanti, **jinvolvu l-appoġġ** ta' partijiet ikkonċernati ewlenin oħra.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-Programm, jenħtieġ li **preferibilment** l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali jaħdmu flimkien mill-qrib fi sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati lokali li għandhom għarfien espert fl-azzjonijiet ta' solidarjetà.

Emenda

(39) Sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tal-Programm, jenħtieġ li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-aġenziji nazzjonali **preferibbilment** jaħdmu flimkien mill-qrib fi sħubija ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, **intrapriżi soċjali**, **organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh**, **organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabbiltà** u partijiet ikkonċernati lokali li għandhom għarfien espert fl-azzjonijiet ta' solidarjetà, inklużi aġenziji ta' infrastruttura u ta' appoġġ għall-volontarjat bħal ċentri ta' volontarjat.

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Sabiex tiġi żgurata effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ir-riżorsi allokat i għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll **biex ikopru l-komunikazzjoni** korporattiva dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(40) Sabiex tiġi żgurata effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ir-riżorsi allokat i għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll **għall-komunikazzjoni** korporattiva dwar il-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni **mingħajr ostakli**, bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mal-għanijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament.

Emenda 49

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba u ċ-ċertezza tad-dritt f'kull pajjiż parteċipanti, kull Awtorità Nazzjonali jenħtieġ li taħtar korp indipendenti tal-awditjar. Meta dan ikun fattibbli, u biex tiġi **mmassimizzata** l-effiċjenza, il-korp indipendenti tal-awditjar jista' jkun l-istess bħal dak maħtur għall-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-[Regolament il-Ġdid dwar l-Erasmus].

Emenda

(42) Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba, ***l-ottimizzazzjoni tal-ispejjeż*** u ċ-ċertezza tad-dritt f'kull pajjiż parteċipanti, kull Awtorità Nazzjonali jenħtieġ li taħtar korp indipendenti tal-awditjar. Meta dan ikun fattibbli, u biex tiġi **massimizzata** l-effiċjenza, il-korp indipendenti tal-awditjar jista' jkun l-istess bħal dak maħtur għall-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-[Regolament il-Ġdid dwar l-Erasmus].

Emenda 50

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) ***Jieħtieġ*** li l-Istati Membri jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Programm. ***Fejn possibbli***, dan jinkludi r-risoluzzjoni u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar ***il-kwistjonijiet tad-dħul*** u ***tar-residenza ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li joħlqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³², l-Istati Membri huma mħeġġa ***biex*** jistabbilixxu proċeduri ta' ammissjoni rapida.

Emenda

(43) ***Jenħtieġ*** li l-Istati Membri jieħdu impenn li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Programm. Dan jinkludi r-risoluzzjoni, ***meta jkun possibbli*** u mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni dwar ***kwistjonijiet ta' dħul*** u ***residenza ta' ċittadini*** ta' pajjiżi terzi li joħlqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u permessi ta' residenza ***u diffikultajiet legali oħra li jistgħu jimpedixxu l-aċċess taż-żgħażaġh għall-Programm***. F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill³², l-Istati Membri huma mħeġġa jistabbilixxu proċeduri ta' ammissjoni rapida.

³² Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

³² Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

Emenda 51

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³.

³³ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011. Li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda

imħassar

Emenda 52

Proposta għal regolament

Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji ***rikonoxxiti*** b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³⁵. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura rispett sħiħ tad-dritt tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni abbażi tas-sess, ***oriġini*** razzjali jew etnika, ***reliġjon*** jew ***twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni*** sesswali, u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

³⁵ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

Emenda

(48) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji ***rikonoxxuti*** b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea³⁵. B'mod partikolari, dan ir-Regolament ifittex li jiżgura rispett sħiħ tad-dritt tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u d-dritt ta' nondiskriminazzjoni abbażi tas-sess, ***l-oriġini*** razzjali jew etnika, ***ir-reliġjon*** jew ***it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età, l-orjentazzjoni*** sesswali ***jew l-isfond soċjoekonomiku***, u li jippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

³⁵ Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività ***temporanja*** ta' kwalità għolja li tikkontribwixxi ***għall-kisba tal-għanijiet*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li tista' tiegħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships, impjiegi, proġetti ta' solidarjetà u attivitajiet ta' networking f'diversi oqsma, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 13, filwaqt li jiġi żgurat il-valur miżjud

Emenda

(1) "attività ta' solidarjetà" tfisser attività ta' kwalità għolja – ***inklużiva u ffinanzjata adegwament*** – li ***tindirizza sfidi soċjali importanti għall-benefiċċju tal-komunità jew tas-soċjetà kollha kemm hi u*** tikkontribwixxi ***biex jintlaħqu l-għanijiet*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li tista' tiegħu l-għamla ta' volontarjat, traineeships, impjiegi, proġetti ta' solidarjetà u

Ewropew u l-konformità mar-regolamenti
dwar is-saħħa u ***s-sigurtà***;

attivitajiet ta' netwerking f'diversi oqsma,
inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 13,
filwaqt li jiġi żgurat il-valur miżjud
Ewropew u l-konformità mar-regolamenti
dwar is-saħħa u ***s-sikurezza u l-istandards
internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem***;

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "kandidat ***irreġistrat***" tfisser individwu ta' bejn is-17 u t-30 sena u li ***rreġistra*** fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jesprimi l-interess li jinvolve ruħu f'attività ta' solidarjetà iżda li għadu mhux jieħu sehem f'din l-attività;

Emenda

(2) "kandidat ***reġistrat***" tfisser individwu ta' bejn is-17 u t-30 sena, ***li jirrisjedi legalment f'pajjiż parteċipanti*** u li ***jkun irreġistra*** fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jesprimi l-interess li jinvolve ruħu f'attività ta' solidarjetà iżda li ***jkun*** għadu mhux ***qed*** jieħu sehem f'din l-attività;

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "parteċipant" tfisser individwu ta' bejn it-18 u t-30 sena, li ***rreġistra*** fil-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u ***li*** jieħu sehem f'attività ta' solidarjetà ***taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***;

Emenda

(3) "parteċipant" tfisser individwu ta' bejn it-18 u t-30 sena li ***jirrisjedi legalment f'pajjiż parteċipanti, ikun irreġistra*** fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jieħu sehem f'attività ta' solidarjetà ***fl-ambitu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà***;

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) "żgħażaġh b'inqas opportunitajiet" tfisser żgħażaġh li ***jħabbtu wiċċhom ma' xi ostakoli li jwaqqfuhom milli jkollhom aċċess effettiv għall-opportunitajiet taħt il-Programm minħabba raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew tas-saħħa, jew minħabba raġunijiet bħal diżabbiltà u*** diffikultajiet edukattivi;

Emenda

(4) "żgħażaġh b'inqas opportunitajiet" tfisser żgħażaġh li ***jeħtieġu appoġġ addizzjonali minħabba ostakli differenti li jirriżultaw – pereżempju – mid-diżabbiltà, minn problemi ta' saħħa, minn diffikultajiet edukattivi, mill-isfond migratorju tagħhom, minn differenzi kulturali u mis-sitwazzjoni ekonomika, soċjali u ġeografika tagħhom, inklużi persuni minn komunitajiet emarġinati jew li jinsabu f'riskju li jiffaċċjaw diskriminazzjoni abbażi ta' xi waħda mir-raġunijiet minquxa fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;***

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) "organizzazzjoni parteċipanti" tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata, lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali, li ingħatat it-tikketta ta' kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda

(5) "organizzazzjoni parteċipanti" tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata, lokali, reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali – ***sew bi skop ta' qligħ u sew mingħajru*** – li ***tkun*** ingħatat it-tikketta ta' kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***f'funzjoni ta' ospitant, f'funzjoni ta' appoġġ, jew fiż-żewġ funzjonijiet, li tiżgura li l-entità tista' timplimenta attivitajiet ta' solidarjetà ta'***

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) "volontarjat" tfisser attività ta' solidarjetà ***li ssir bħala*** attività ***volontarja mingħajr ħlas*** għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar;

Emenda

(6) "volontarjat" tfisser attività ta' solidarjetà ***mhux obbligatorja li tikkonsisti fit-twettiq ta'*** attività ***għall-benefiċċju kollettiv li tikkontribwixxi għall-benessri tas-soċjetà u li parteċipant iwettaq liberament u fil-ħin liberu tiegħu, mingħajr ma jkun intitolat għal rimunerazzjoni***, għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar;

Emenda 59

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) "traineeship" tfisser attività ta' solidarjetà għal perjodu ***minn xahrejn sa*** sitt xhur, ***li*** tiġġedded darba biss u għal ***durata massima*** ta' 12-il xahar, ***li hija offerta u imħallsa*** minn organizzazzjoni parteċipanti li tkun qed tospita lill-partiċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda

(7) "traineeship" tfisser attività ta' solidarjetà ***mħallsa li tieħu l-għamla ta' inkarigu ta' xogħol f'organizzazzjoni parteċipanti*** għal perjodu ***ta' bejn tlieta u*** sitt xhur, ***tista'*** tiġġedded darba biss u għal ***tul massimu*** ta' 12-il xahar, ***tkun offruta u mħallsa*** minn organizzazzjoni parteċipanti li tkun qed tospita lill-partiċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***u tinvolvi komponent tat-tagħlim biex jinkisbu ħiliet u esperjenza rilevanti***;

Emenda 60

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) "impjieg" tfisser attività ta' solidarjetà għal perjodu ***minn xahrejn sa*** 12-il xahar, ***imħallsa*** mill-organizzazzjoni parteċipanti li timpjega lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda

(8) "impjieg" tfisser attività ta' solidarjetà ***mħallsa b'paga diċenti*** għal perjodu ***ta' bejn tlieta u*** 12-il xahar, ***li tinkludi komponent ta' tagħlim u taħriġ, tkun ibbażata fuq ftehim bil-miktub u tkun offruta u mħallsa*** mill-organizzazzjoni parteċipanti li timpjega lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ***mingħajr ma tissostitwixxi opportunità ta' impjieg eżistenti;***

Emenda 61

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) "proġett ta' solidarjetà" tfisser attività ta' solidarjetà ***fil-pajjiż*** mhux imħallsa għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, ***li jitwettaq*** minn gruppi ta' mill-inqas ħames parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fi ħdan il-komunitajiet tagħhom ***filwaqt li jippreżentaw valur*** miżjud Ewropew ċar;

Emenda

(9) "proġett ta' solidarjetà" tfisser attività ta' solidarjetà mhux imħallsa – ***fil-pajjiż jew barra l-pajjiż*** – għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar, ***imwettqa*** minn gruppi ta' mill-inqas ħames parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fi ħdan il-komunitajiet tagħhom ***u b'valur*** miżjud Ewropew ċar;

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) "tikketta tal-kwalità" tfisser iċ-
ċertifikazzjoni mogħtija lil organizzazzjoni
parteċipanti li tixtieq tipprovdi attivitajiet
ta' solidarjetà taħt il-Korp Ewropew ta'
Solidarjetà, bir-rwol ta' ospitant u/jew
b'funzjoni ta' appoġġ;

Emenda

(10) "tikketta tal-kwalità" tfisser iċ-
ċertifikazzjoni mogħtija, **abbażi ta' diversi
rekwiżiti speċifiċi skont it-tip ta' attività
ta' solidarjetà pprovduta**, lil
organizzazzjoni parteċipanti li **tkun** tixtieq
tipprovdi attivitajiet ta' solidarjetà taħt il-
Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bir-rwol ta'
ospitant u/jew **f'funzjoni** ta' appoġġ, **li
tiċċertifika li l-organizzazzjoni
parteċipanti tista' tiżgura l-kwalità tal-
attivitajiet ta' solidarjetà, matul l-istadji
kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà, skont
il-prinċipji u l-oġettivi tal-Programm;**

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-għan ġenerali tal-Programm hu li
jissaħħaħ l-involviment **taż-żgħażaġh u**
tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta'
solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja
bħala mezz biex **issir kontribuzzjoni** għat-
tisħiħ tal-koeżjoni, **tas-solidarjetà u tad-
demokrazija** fl-Unjoni u lil hinn minnha,
filwaqt li **jigħu indirizzati sfidi** tas-soċjetà **u**
umanitarji fuq il-post, bi sforz partikolari
biex **tiġi promossa** l-inklużjoni soċjali.

Emenda

1. L-għan ġenerali tal-Programm hu li
**jippromwovi s-solidarjetà bħala valur, l-
aktar permezz tal-volontarjat, isaħħaħ** l-
involviment **ta' ġenerazzjoni ta' żgħażaġh**
li aktar hemm ċans li jinvolvu ruħhom
f'attivitajiet ta' solidarjetà, kif ukoll tal-
organizzazzjonijiet, f'attivitajiet ta'
solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja
bħala mezz biex **jingħata kontribut** għat-
tisħiħ tal-koeżjoni **soċjali, is-solidarjetà,
id-demokrazija, l-identità Ewropea u ċ-
ċittadinanza attiva** fl-Unjoni u lil hinn
minnha, filwaqt li **tingħata risposta għall-
isfidi umanitarji u** tas-soċjetà fuq il-post,
bi sforz partikolari biex **jigħu promossi** l-

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-għan speċifiku tal-Programm hu li ż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet b'aċċess **iktar** faċli għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jtejbu u jivvalidaw kif xieraq il-kompetenzi tagħhom, kif ukoll jiffaċilitaw l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Emenda

2. L-għan speċifiku tal-Programm hu li ż-żgħażaġh, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, jingħataw opportunitajiet b'aċċess faċli **u inklużiv** għal involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà **li jgħibu magħhom bidliet soċjali pożittivi** fl-Ewropa u lil hinn minnha, filwaqt li jtejbu u jivvalidaw kif xieraq il-kompetenzi tagħhom **għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, kulturali, ċiviku u professjonali**, kif ukoll jiffaċilitaw **l-involviment kontinwu tagħhom bħala ċittadini attivi u** l-impjegabbiltà u t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-feedback mogħti mill-parteciċipanti u l-organizzazzjonijiet parteciċipanti għandu jinkludu wkoll evalwazzjoni tat-twettiq tal-oġettivi tal-Programm.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 6;

Emenda

- (a) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà li jindirizzaw l-isfidi tas-soċjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 6, ***u l-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli***;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-ġajnuna umanitarja (Korp Volontarju Ewropew ta' Ġajnuna Umanitarja) kif imsemmi fl-Artikolu 10.

Emenda

- (b) il-parteciċipazzjoni taż-żgħażaġh ***u ta' persuni b'għarfien espert*** f'attivitajiet ta' solidarjetà relatati mal-ġajnuna umanitarja (Korp Volontarju Ewropew ta' Ġajnuna Umanitarja) kif imsemmi fl-Artikolu 10 ***u l-azzjonijiet fl-Unjoni u lil hinn minnha mmirati lejn il-bini tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti għall-ġajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi kif imsemmi fl-Artikolu 11.***

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

3a. L-objettivi operazzjonali u l-prijoritajiet politiċi korrispondenti tal-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati permezz tal-attivitajiet fl-ambitu tal-fergħat imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu speċifikati fid-dettall fil-programmi ta' ħidma annwali li jridu jiġu adottati skont l-Artikolu 18.

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b**

(b) traineeships u impjiegi, kif imsemmi fl-Artikolu 8;

(b) traineeships u impjiegi, kif imsemmi fl-Artikolu 8, **li għandhom ikunu ta' kwalità għolja**;

Emenda 70

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

(d) **l-approċċ** tagħhom **biex** jinvolve għażaġħ minn sfondi differenti;

(d) **l-inklużività u l-kapaċità effettiva tagħhom li** jinvolve għażaġħ minn sfondi differenti, **inklużi għażaġħ b'diżabbiltà**;

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-programmi ta' ħidma annwali adottati skont l-Artikolu 18 għandhom jinkludu lista ta' attivitajiet li potenzjalment jistgħu jagħmlu ħsara lill-parteċipanti, lill-benefiċjarji u lis-soċjetà, jew li ma jkunux adatti għall-parteċipanti, u li ma għandhomx jitwettqu fil-qafas tal-Programm jew li għandhom ikunu soġġetti għal taħriġ speċjali, kontrolli tal-kondotta jew miżuri oħra.

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex joffru proġetti ta' kwalità **tajba** għal għadd dejjem akbar ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

(a) ir-rinfurzar tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet parteċipanti biex joffru proġetti ta' kwalità **għolja, aċċessibbli faċilment u ffinanzjati b'mod sodisfaċenti** għal għadd dejjem akbar ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-attrazzjoni ta' parteċipanti ġodda, kemm żgħażaġh, kif ukoll organizzazzjonijiet parteċipanti;

Emenda

(b) l-attrazzjoni ta' parteċipanti ġodda, kemm żgħażaġh ***u kemm persuni li jkollhom xi esperjenza fl-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, kif ukoll*** organizzazzjonijiet parteċipanti;

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) aċċessibbiltà aktar faċli għall-persuni b'diżabbiltà għall-attivitajiet kollha offriti;

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) l-ġhoti ta' opportunitajiet sabiex jingħata feedback dwar l-attivitajiet ta' solidarjetà; u

(c) l-ġhoti ta' opportunitajiet sabiex jingħata feedback dwar l-attivitajiet ta' solidarjetà ***kif ukoll il-promozzjoni tal-Programm bħala ambaxxaturi;*** u

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) miżuri li jipproteġu l-benefiċjarji ta' attivitajiet ta' solidarjetà, fosthom taħriġ immirat għall-partiċipanti li jwettqu attivitajiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, u kontrolli tal-kondotta fil-konfront tal-partiċipanti li jaħdmu mat-tfal;

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ab) miżuri mmirati għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari għall-partiċipazzjoni ta' iżgħażaġh b'inqas opportunitajiet, bħal formati xierqa ta' attivitajiet ta' solidarjetà u appoġġ personalizzat;

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ac) miżuri mmirati għall-iżgurar ta' bini ta' kapaċità u ta' appoġġ amministrattiv għall-organizzazzjonijiet parteċipanti;

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) l-iżvilupp u ż-żamma **ta' tikketta** tal-kwalità għal entitajiet li lesti jipprovdu attivitajiet ta' solidarjetà għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

(b) l-iżvilupp u ż-żamma **tat-tikketti** tal-kwalità għal entitajiet li lesti jipprovdu attivitajiet ta' solidarjetà għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornar ***tal-Portal*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u servizzi online rilevanti oħra, kif ukoll ***is-sistemi*** tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' appoġġ u ***l-għodod*** ibbażati fuq il-web neċessarji.

Emenda

(d) l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornar ***ta' Portal aċċessibbli*** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***tal-anqas fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni*** u servizzi online rilevanti oħra, kif ukoll ***sistemi*** tat-teknoloġija tal-informazzjoni ta' appoġġ u ***għodod*** ibbażati fuq il-web neċessarji ***li għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tad-Direttiva (UE) 2016/2102.***

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) miżuri li jħeġġu lill-intrapriżi soċjali jappoġġaw attivitajiet tal-Programm jew

*jippermettu lill-impjegati jinvolve ruħhom
f'attivitajiet ta' volontarjat fil-qafas tal-
Programm;*

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(db) l-iżvilupp ta' proċedura ċara u
ddettaljata indirizzata lill-partekipanti u l-
organizzazzjonijiet partekipanti, li
tistabbilixxi l-passi tal-fażijiet kollha tal-
attivitajiet ta' solidarjetà u l-iskedi ta'
żmien għalihom;*

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa “Parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f’attivitajiet ta’ solidarjetà li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà” għandhom b’mod partikolari jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni, tas-solidarjetà u tad-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn minnha, filwaqt li jirrispondu wkoll għal sfidi tas-soċjetà bi sforz partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali.

Emenda

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa "Parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f’attivitajiet ta’ solidarjetà li jindirizzaw sfidi tas-soċjetà" għandhom b’mod partikolari jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni, tas-solidarjetà, ***taċ-ċittadinanza*** u tad-demokrazija fl-Unjoni u lil hinn minnha, filwaqt li jirrispondu wkoll għal sfidi tas-soċjetà bi sforz partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali ***u l-opportunitajiet indaqs***.

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) traineeships u impjiegi, kif imsemmi fl-Artikolu 8;

Emenda

(b) traineeships u impjiegi, kif imsemmi fl-Artikolu 8, ***li għandhom ikunu ta' kwalità għolja***;

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-volontarjat kif imsemmi ***fl-Artikolu 4.1, punt (a)*** għandu jinkludi ***komponent*** ta' tagħlim u ***ta' taħriġ***, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, ma għandux jitqies l-istess daqs impjieg, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub.

Emenda

1. Il-volontarjat kif imsemmi ***fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1)*** għandu jinkludi ***dimensjoni solida*** ta' ***edukazzjoni u tagħlim, u taħriġ online u offline mfassal għall-attività inkwistjoni li jseħħ qabel u matul l-attività, għandu jimmira għal impatt ċar fuq il-ħtiġijiet identifikati tal-komunità***, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, ma għandux jitqies l-istess daqs impjieg, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub ***skont il-liġi nazzjonali rilevanti. Tali ftehim għandu jiżgura l-protezzjoni legali, soċjali u finanzjarja xierqa tal-parteċipant.***

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2

2. Il-volontarjat ***jista' jsir*** f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (transfruntier) ***jew*** fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (fil-pajjiż).

2. Il-volontarjat ***għandu, bħala regola, isir*** f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (transfruntier). ***Il-volontarjat jista' jsir*** fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (fil-pajjiż), ***iżda għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' iżgħażaġh b'inqas opportunitajiet u għandu jinkludi l-parteċipazzjoni ta' parteċipanti li jirrisjedu f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż fejn qed isseħħ l-attività.***

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 1

1. Traineeship ***kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (b) għandu jkun ibbażat*** fuq ftehim ta' traineeship bil-miktub skont il-qafas regolatorju applikabbli tal-pajjiż fejn isseħħ it-traineeship, kif xieraq, u ***billi jitqiesu l-***

1. Traineeship ***għandu jkun imħallas u bbażat*** fuq ftehim ta' traineeship bil-miktub ***konkluż bil-bidu tat-traineeship*** skont il-qafas regolatorju applikabbli tal-pajjiż fejn isseħħ it-traineeship, kif xieraq. ***Il-Ftehim ta' traineeship għandu jindika l-objettivi***

prinċipji tal-Qafas ta' **Kwalita** għat-
Traineeships (2014/C 88/01). It-
traineeships ma għandhomx jissostitwixxu
l-impjiegi.

edukattivi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u
t-tul tat-traineeship, ir-remunerazzjoni li
l-parteċipant għandu jirċievi u d-drittijiet
u l-obbligi tal-partijiet u għandu jqis il-
prinċipji tal-Qafas ta' **Kwalità** għat-
Traineeships (2014/C 88/01). It-
traineeships ma għandhomx jissostitwixxu
l-impjiegi.

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Impjiegi *kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (b)* għandu jkun ibbażat fuq kuntratt ta' impjiegi *skont il-qafas regolatorju* nazzjonali tal-pajjiż *parteċipanti fejn* jitwettagħ l-impjiegi. L-appoġġ finanzjarju għal organizzazzjonijiet *parteċipanti* li joffru impjiegi ma għandux jaqbeż **it-12-il** xahar f'każi fejn it-tul tal-kuntratt tal-impjiegi jaqbeż **it-12-il-xahar**.

2. Impjiegi għandu jkun ibbażat fuq kuntratt ta' impjiegi ***bil-miktub li jirrispetta t-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-impjiegi kif stabbiliti fil-liġi*** nazzjonali, ***fil-ftehimiet kollettivi applikabbli, jew fit-tnejn***, tal-pajjiż ***li fih ikun qed*** jitwettagħ l-impjiegi. L-appoġġ finanzjarju għal organizzazzjonijiet *parteċipanti* li joffru impjiegi ma għandux jaqbeż ***it-tnax-il*** xahar f'każi fejn it-tul tal-kuntratt tal-impjiegi jaqbeż ***it-tnax-il xahar***.

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. It-traineeships u l-impjiegi għandhom jinkludu komponent ta' tagħlim u ta' *taħriġ*.

3. It-traineeships u l-impjiegi għandhom jinkludu komponent *solidu* ta' *edukazzjoni* ta' tagħlim *qabel* u *matul l-attività, biex jgħin lill-parteċipant jikseb esperjenza rilevanti bil-għan li jiżviluppa kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-parteċipant*;

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. It-traineeships u l-impjiegi *jistgħu* jsiru f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (transfruntier) *jew*

4. It-traineeships u l-impjiegi *għandhom, bħala regola, isiru* f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tar-residenza tal-

fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (fil-pajjiż).

parteċipant (transfruntier). ***It-traineeships u l-impjiegi jistgħu jsiru*** fil-pajjiż tar-residenza tal-parteċipant (fil-pajjiż), ***iżda għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni ta' iżgħażaġh b'inqas opportunitajiet u għandhom jinkludu l-parteċipazzjoni ta' parteċipanti li jirrisjedu f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż fejn qed isseħħ l-attività.***

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għandu jiġi allokat baġit xieraq biex tiġi ffinanzjata l-akkomodazzjoni raġonevoli li tippermetti l-parteċipazzjoni effettiva tal-persuni b'diżabbiltà fuq bażi ugwali mal-oħrajn, skont l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà u d-Direttiva 2000/78^{1a}.

^{1a} Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-

Emenda 92

Proposta għal regolament

Article 10 – paragraph 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa “Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja” għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari biex tingħata għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata għall-ħarsien tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem, u t-tisħiħ tal-kapaċità u r-reliżjenza ta' komunitajiet vulnerabbli jew milquta minn ***diżastru***.

Emenda

1. L-azzjonijiet implimentati taħt il-fergħa "Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja" għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari biex tingħata għajnuna umanitarja bbażata fuq il-ħtiġijiet immirata għall-ħarsien tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem ***fil-kuntest ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem***, u biex jissaħħu l-kapaċità u r-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli, ***fragħi*** jew milquta minn ***diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem, u biex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni mir-rispons umanitarju għal żvilupp fit-tul sostenibbli u inklussiv***.

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu ***f'konformità mal-prinċipji*** tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza.

Emenda

2. L-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jitwettqu ***f'konformità mal-Kunsens Ewropew dwar l-Ghajjnuna Umanitarja, li jippromwovi l-prinċipji fundamentali*** tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza ***filwaqt li jiġi mtenni l-impenn sod tal-Unjoni għal approċċ ibbażat fuq il-ħtiġijiet, mingħajr diskriminazzjoni bejn il-popolazzjonijiet milquta jew fi ħdanhom u filwaqt li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali.***

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. L-għajnuna umanitarja tal-Unjoni titwassal f'sitwazzjonijiet fejn jistgħu joperaw strumenti oħra relatati mal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-protezzjoni ċivili. Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jaħdem b'mod koerenti u komplementari u għandu jevita d-duplikazzjonijiet mal-politiki u l-istrumenti rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-politika tal-għajnuna umanitarja u mal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u mal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni.

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Fil-promozzjoni ta' rispons internazzjonali koerenti għall-kriżijiet umanitarji, l-azzjonijiet taħt dan il-Kapitolu għandhom jikkonformaw ma' daww ikkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji.

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-għajnuna umanitarja tal-Unjoni, filwaqt li

jippromwovi rispons umanitarju adegwat għall-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kooperazzjoni mal-gruppi u n-netwerks tan-nisa sabiex ikunu promossi l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-eżerċitar min-naħa tagħhom ta' karigi ta' tmexxija fl-għajnuna umanitarja u sabiex jittieħed vantaġġ mill-kapaċitajiet u l-għarfien esperti tagħhom biex jikkontribwixxu għall-irkupru, il-bini tal-paċi, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u r-reżiljenza tal-komunitajiet milquta.

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2d. It-termini speċifiċi tal-mobilizzazzjoni għandhom jiġu stipulati, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet ospitanti, f'ftehim bejn l-organizzazzjoni li tibgħat u l-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja, inklużi d-drittijiet u l-obbligi, it-tul u l-post tal-mobilizzazzjoni u l-

kompiti li għandhom jittwettqu.

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) proġetti ta' solidarjetà;

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Fuq il-bażi ta' valutazzjoni minn qabel tal-ħtiġijiet f'pajjiż terz, dan ir-Regolament għandu jappoġġa azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-għajnuna umanitarja sabiex itejjeb l-istat ta' tħejjija u r-rispons lokali għall-kriżijiet

umanitarji u biex jiżgura li l-ħidma tal-voluntiera jkollha impatt effikaċi u sostenibbli fil-post, inklużi:

(a) il-ġestjoni tar-riskji assoċjati mad-diżastri naturali, l-istat ta' tħejija u r-rispons, l-ikkowċjar, it-taħriġ fil-ġestjoni tal-voluntiera u oqsma rilevanti oħra għall-persunal u l-voluntiera mill-organizzazzjonijiet ospitanti;

(b) skambju tal-aħjar prassi, assistenza teknika, programmi ta' ġemellaġġ u skambju ta' persunal u voluntiera, il-ħolqien ta' networks u azzjonijiet oħra rilevanti.

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Il-Kummissjoni għandha tkompli, iżżomm u taġġorna l-bażi tad-data tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, tirregola l-aċċess u l-użu tiegħu, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà u l-adegwatezza tal-Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE, u b'hekk

tippermetti l-parteċipazzjoni kontinwa tal-voluntiera li jirritornaw. Għandu jitwettaq l-ipproċessar ta' data personali miġbura f'dik il-bażi tad-data jew għaliha, fejn rilevanti, skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1b}.

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

^{1b} Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-ġajnuna umanitarja **kif imsemmi fl-Artikolu 4.1, punt (a)** għandu jinkludi **komponent** ta' taġġim u ta' taħriġ, ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub.

Emenda

1. Il-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-ġajnuna umanitarja għandu jinkludi taġġim u taħriġ **xierqa, inkluż qabel il-kollokament, marbuta mal-proġetti li fihom voluntiera żgħażaġh se jkunu involuti, b'enfasi dovuta fuq il-prinċipji tal-ġajnuna umanitarja msemmija fl-Artikolu 10(2), inkluż "il-prinċipju taġġimilx ħsara"** u ma għandux jissostitwixxi t-traineeships jew l-impjiegi, u għandu jkun ibbażat fuq ftehim ta' volontarjat bil-miktub.

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-inizjattiva Voluntiera tal-Ghajjnuna tal-UE għandha trawwem il-parteċipazzjoni ta' voluntiera lokali minn pajjiżi terzi.

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-volontarjat taħt din il-fergħa jista' jsir biss ***f'pajjiżi terzi***:

2. Il-volontarjat taħt din il-fergħa jista' jsir biss:

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Abbażi ta' valutazzjoni minn qabel tal-ħtiġijiet fil-pajjiżi terzi minn

organizzazzjonijiet li jibagħtu u daww ospitanti, u atturi rilevanti oħra, il-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja għandu jappoġġa l-azzjonijiet immirati lejn:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-organizzazzjonijiet ospitanti għall-għajnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi sabiex jissaħħu l-istat ta' tħejjija u r-rispons lokali għall-kriżijiet umanitarji u biex jiġi żgurat l-impatt effikaċi u sostenibbli tal-ħidma tal-Korp Volontarju Ewropew ta' Għajnuna Umanitarja fuq il-post permezz ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, l-istat ta' tħejjija u r-rispons, it-tranżizzjoni minn rispons umanitarju għal żvilupp lokali sostenibbli, l-ikkowċjar, u t-taħriġ fil-ġestjoni tal-volontarji;

(b) l-iskambju tal-aħjar prattiki, l-assistenza teknika, il-programmi ta' ġemellaġġ u l-iskambju ta' persunal u voluntiera.

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2b (ġdid)

2b. Il-valutazzjoni tal-livell ta' riskju fir-rigward tas-sigurtà u s-sikurezza tal-voluntiera għandha tkun prijorità, b'mod partikolari f'pajjiżi jew f'żoni meqjusa bħala instabbli, jew fejn hemm riskji immedjati.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2c (ġdid)

2c. Kampanji ta' komunikazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'rabta mal-inizjattiva Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE għandhom jitwettqu primarjament fit-territorju tal-Unjoni u għandhom jiffukaw fuq xogħol imwettaq minn voluntiera u ħaddiema tal-għajnuna umanitarja skont il-prinċipji tal-għajnuna umanitarja tal-umanità, l-indipendenza, in-newtralità u l-imparzjalità li jiggwidaw l-azzjonijiet tagħhom.

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***2d. Il-volontarjat għandu jaqdi l-
ħtiġijiet reali u l-lakuni identifikati fil-
livell lokali mill-organizzazzjonijiet
ospitanti.***

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a

***Identifikazzjoni u għażla ta' voluntiera
kandidati***

***1. Abbażi ta' valutazzjoni minn qabel
tal-ħtiġijiet f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni***

għandha tidentifika u tagħżel voluntiera kandidati għat-taħriġ f'kooperazzjoni mal-aġenziji nazzjonali u mal-organizzazzjonijiet ospitanti.

2. L-identifikazzjoni u l-għażla tal-voluntiera kandidati għandhom jittwettqu f'konformità mal-Artikolu 14, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs.

3. Il-limiti ta' età kif imsemmija fl-Artikoli 2 u 15 ma għandhomx jiġu applikati għall-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja fis-sens ta' dan l-Artikolu.

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11b

Taħriġ ta' voluntiera kandidati

1. Abbażi ta' programmi u proċeduri eżistenti, il-Kummissjoni għandha

tistabbilixxi programm ta' taħriġ biex iħejji lill-voluntiera kandidati jappoġġaw u jikkomplementaw l-azzjonijiet tal-ghajjnuna umanitarja.

2. Il-voluntiera kandidati li jkunu ġew identifikati u magħżula f'konformità mal-proċedura tal-applikazzjoni għandhom ikunu eliġibbli biex jieħdu sehem fil-programm ta' taħriġ implimentat minn organizzazzjonijiet kwalifikati. L-ambitu u l-kontenut individwali tat-taħriġ, li kull kandidat voluntier għandu jwettaq, għandhom jiġu determinati b'konsultazzjoni mal-organizzazzjoni ospitanti ċċertifikata skont il-ħtiġijiet, filwaqt li jitqiesu l-esperjenza preċedenti tal-kandidat voluntier u l-post ippjanat għall-volontarjat.

3. Il-programm ta' taħriġ għandu jinkludi valutazzjoni ta' kemm il-voluntiera kandidati huma preparati biex jiġu sekondati biex jappoġġaw u jikkomplementaw l-attivitajiet tal-ghajjnuna umanitarja fil-pajjiżi terzi, kif ukoll biex jaqdu l-ħtiġijiet lokali.

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 1 260 000 000 fi prezzijiet **kurrenti**.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' **EUR 1 112 988 000 fi prezzijiet tal-2018** /EUR 1 260 000 000 fi prezzijiet kurrenti/.

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni, inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni.

Emenda

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet ta' tħejjija, monitoraġġ, kontroll, awditu u evalwazzjoni, inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni. **Ammont**

adegwat mill-baġit għandu jkun iddedikat ukoll għall-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u għall-iżvilupp ta' networks taż-żgħażaġh.

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda dan ir-Regolament biex ikun hemm flessibbiltà u adattament tat-tqassim indikattiv tal-baġit skont l-attivitajiet skont l-Artikolu 12a. L-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu għandhom jirriflettu l-prijoritajiet ta' politika ġodda billi jaġġustaw mill-ġdid it-tqassim filwaqt li jirrispettaw marġni massimu ta' 20 %.

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

***Tqassim tal-baġit iddedikat għall-
attivitajiet fl-Artikoli 7, 8, 9 u 11***

***It-tqassim indikattiv tal-baġit iddedikat
għall-attivitajiet fl-Artikoli 7, 8, 9 u 11
għandu jkun kif ġej:***

- (a) għall-volontarjat f'attivitajiet ta' solidarjetà u fi proġetti ta' solidarjetà, kif speċifikat fl-Artikoli 7 u 9: 86 %;***
- (b) għat-traineeships u l-impjiegi, kif speċifikat fl-Artikolu 8: 8 %; u***
- (c) għall-volontarjat b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja, kif speċifikat fl-Artikolu 11: 6 %.***

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist.

2. Il-Programm jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. ***Biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, għandhom jintużaw kemm jista' jkun somom f'daqqa, spejjeż għal kull unità jew finanzjament b'rata fissa.***

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji magħmula u mistennija mill-pajjiżi terzi għall-Programm għandhom, ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli, jiġu rapportati liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja bħala parti mir-rappurtar annwali jew interim tal-Programm.

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-parteċipanti li jmorru joqogħdu f'pajjiż ieħor għandhom ikunu ggarantiti l-kura sħiħa tas-saħħa li jgawdu fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom, u mhux biss kura tas-saħħa urġenti. Il-kura tas-saħħa għandha tingħata kemm permezz tas-servizzi tas-saħħa pubbliċi tal-Istat Membru li fih titwettaq l-attività kif ukoll, fin-nuqqas ta' tali servizzi jew fil-każ ta' nuqqas ċar ta' konformità mal-istandards ta' kwalità tal-Istat Membru ta' residenza, permezz ta' servizzi tas-saħħa privati fl-Istat Membru li fih titwettaq l-attività.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

1b. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-Istati Membri u pajjiżi parteċipanti oħra għandhom jipromwovu l-inklużjoni soċjali u kundizzjonijiet ta' aċċess ugwali, inkluż għall-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 1

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteeċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, u organizzazzjonijiet internazzjonali, diment li dawn ***ikunu rċivew*** tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteeċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, ***kemm jekk mingħajr skop ta' qligħ kif ukoll bi skop ta' qligħ***, u organizzazzjonijiet internazzjonali, ***inklużi organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, istituzzjonijiet reliġjużi, assoċjazzjonijiet tal-karità, organizzazzjonijiet sekulari umanistiċi, NGOs jew atturi oħra mis-soċjetà ċivili,***

diment li dawn *joffru attivitajiet ta' solidarjetà, ikollhom personalità ġuridika skont il-liġi tal-pajjiż fejn huma rreġistrati u jkunu rċevew* tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. *It-tikketta tal-kwalità għandha tiċċertifika li l-attivitajiet jistgħu jilħqu l-għanijiet fl-Artikolu 3 u jipprovdu l-azzjonijiet fl-Artikolu 4.*

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Applikazzjoni minn entità biex issir organizzazzjoni parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi vvalutata mill-korp ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà abbażi tal-prinċipji ta' trattament indaqs; opportunitajiet indaqs u nondiskriminazzjoni; evitar tas-sostituzzjoni tal-impjeg; forniment ta' attivitajiet ta' kwalità għolja b'dimensjoni ta' tagħlim li tiffoka fuq l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali;

Emenda

2. Applikazzjoni minn entità biex issir organizzazzjoni parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi vvalutata mill-korp ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà abbażi tal-prinċipji ta' trattament indaqs; opportunitajiet indaqs u nondiskriminazzjoni; evitar tas-sostituzzjoni tal-impjeg; forniment ta' attivitajiet ta' kwalità għolja, *aċċessibbli faċilment u inklużivi b'valur miżjud ċar għall-ħtiġijiet identifikati tal-komunità,*

arranġamenti ta' taħriġ, xogħol u volontarjat xierqa; ambjent u kundizzjonijiet sikuri u diċenti; u l-prinċipju li jipprojbixxi l-profitt, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Il-prinċipji ta' hawn fuq jaċċertaw jekk l-attivitajiet tagħha ssodisfawx ir-rekwiżiti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

b'dimensjoni ta' taħlim li tiffoka fuq l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali; arranġamenti ta' taħriġ, xogħol u volontarjat xierqa; ambjent u kundizzjonijiet sikuri u diċenti; u l-prinċipju li jipprojbixxi l-profitt, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Il-prinċipji ta' hawn fuq jaċċertaw jekk l-attivitajiet tagħha ssodisfawx ir-rekwiżiti **u l-għanijiet** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***It-tikketta tal-kwalità għandha tingħata biss lill-organizzazzjonijiet li jimpjenjaw ruħhom li se jikkonformaw ma' dawn il-prinċipji.***

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi vvalutata kull ċertu żmien u **tista'** tiġi rrevokata.

Emenda

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Ir-rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati sabiex tinkiseb tikketta tal-kwalità għandhom ivarjaw skont it-tip ta' attività ta' solidarjetà u l-funzjoni tal-entità. It-***

tikketta miksuba għandha terġa' tiġi
vvalutata kull ċertu żmien u *fil-każ ta' użu
ħażin tat-tikketta jew ta' nuqqas ta'
konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-
paragrafu 2, it-tikketta ghandha* tiġi
rrevokata. *Kull entità li sostanzjalment
tbiddel l-attivitajiet tagħha għandha
tinforma lill-korp ta' implimentazzjoni
kompetenti għall-valutazzjoni mill-ġdid.*

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*4a. L-organizzazzjonijiet parteċipanti li
jkunu ngħataw tikketta tal-kwalità
għandu jkollhom aċċess għal pjattaforma
biex ifittxu faċilment applikanti xierqa
sabiex il-proċess ikun aktar faċli kemm
għall-parteċipanti kif ukoll għall-
organizzazzjonijiet parteċipanti biex
jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta'
solidarjetà.*

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4b. L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom jiffaċilitaw il-promozzjoni tal-Programm billi joffru l-possibbiltà li dawk li qabel kienu parteċipanti jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jaġixxu bħala ambaxxaturi għall-ġenerazzjoni potenzjali li jmiss ta' parteċipanti fil-Programm permezz ta' netwerk.

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-organizzazzjonijiet parteċipanti għandhom iwettqu bosta funzjonijiet fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. F'funzjoni ta' ospitant huma għandhom

iwettqu attivitajiet relatati mal-offerti għall-attivitajiet ta' solidarjetà lill-parteċipanti reġistrati, l-għażla u l-akkoljenza tal-parteċipanti, inkluż l-organizzazzjoni ta' attivitajiet, l-għoti ta' gwida u appoġġ lill-parteċipanti waqt il-fażijiet kollha tal-attività ta' solidarjetà, il-provvediment ta' ambjent sikur u konvenjenti għall-parteċipanti, u l-għoti ta' feedback lill-parteċipant wara l-attività, kif xieraq. F'funzjoni ta' appoġġ huma għandhom iwettqu attivitajiet marbuta mas-sekondar, it-tħejjija u l-appoġġ tal-parteċipanti qabel ma dawn jitlew, matul u wara l-attività ta' solidarjetà, fosthom billi l-parteċipanti jingħataw taħriġ u jiġu gwidati lejn organizzazzjonijiet lokali wara l-attività. L-organizzazzjonijiet f'funzjoni ta' appoġġ jistgħu jipprovdu wkoll appoġġ amministrattiv u loġistiku lill-parteċipanti fi proġetti ta' solidarjetà.

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita f'pajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 7, 8 u 11, l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb tikketta tal-kwalità bħala prekondizzjoni biex tirċievi finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 9, persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament f'isem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita f'pajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu japplikaw għal finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikoli 7, 8 u 11, l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb tikketta tal-kwalità bħala prekondizzjoni biex tirċievi finanzjament taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 9, persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament f'isem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. ***Bħala regola ġenerali, it-talba għal għotja għandha tiġi ppreżentata quddiem l-aġenzija nazzjonali tal-pajjiż fejn hija bbażata l-organizzazzjoni. It-talbiet għal għotjiet għall-attivitajiet organizzati minn organizzazzjonijiet internazzjonali jew preżenti fl-Ewropa kollha, attivitajiet ta' tims ta' volontarjat f'oqsma ta' prijorità identifikati fil-livell Ewropew u attivitajiet b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi għandhom jiġu ppreżentati quddiem l-EACEA.***

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Programm ta' ħidma

Programm ta' ħidma **annwali**

Emenda 126

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għażliet u l-prijoritajiet ta' politika sekondarji, inklużi dettalji ta' azzjonijiet speċifiċi deskritti fl-Artikoli 4 sa 11, għandhom jiġu ddeterminati darba fis-sena permezz ta' programm ta' ħidma kif imsemmi fl-Artikolu [110] tar-Regolament Finanzjarju. Il-programm ta' ħidma annwali għandu jistabbilixxi wkoll id-dettalji dwar l-implimentazzjoni tal-Programm. Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma għandu jagħti

indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti permezz tal-aġenzija nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-programm ta' ħidma annwali.

Emenda 127

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***L-evalwazzjoni interim*** tal-Programm ***għandha titwettaq*** ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, ***iżda*** mhux aktar tard ***minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm.*** ***Għandha tiġi akkumpanja wkoll*** minn evalwazzjoni finali tal-programm predeċessur.

Emenda

2. ***Ir-rieżami ta' nofs it-terminu*** tal-Programm ***għandu jitwettaq*** ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm. ***Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-rieżami ta' nofs it-terminu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024. Għandu jiġi akkumpanjat ukoll*** minn evalwazzjoni

finali tal-programm predeċessur.

Emenda 128

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Jekk ikun meħtieġ u abbażi tar-rieżami ta' nofs it-terminu u tar-rapporti ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposti leġiżlattivi għall-emendar ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tidher quddiem il-kumitati kompetenti tal-Parlament Ewropew biex tirrapporta dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu, inkluż fir-rigward tad-deċiżjoni tagħha dwar jekk hemmx bżonn li dan ir-Regolament jiġi emendat.

Dan jipprevedi rieżami ta' nofs it-terminu u klawnsola ta' reviżjoni xierqa, filwaqt li jirrifletti approċċ orizzontali allinjat ma' fajls oħra tal-QFP tal-Kumitat CULT.

Emenda 129

Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mill-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż il-midja u l-pubbliku.

Emenda

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament mill-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-orijini ***tiegħu*** u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mill-Unjoni (b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom) billi jipprovdu informazzjoni mmirata ***fil-pront u li tkun*** koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi inkluż il-midja u l-pubbliku.

Emenda 130

Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm

Emenda

2. Il-Kummissjoni, ***f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti u ma' networks rilevanti fil-livell tal-Unjoni,*** għandha timplimenta azzjonijiet ta'

għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 23 għandhom jiżviluppaw strateġija konsistenti fir-rigward ***tas-sensibilizzazzjoni*** effettiva, kif ukoll id-disseminazzjoni u l-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġati taħt l-azzjonijiet li jimmaniġjaw fi ħdan il-Programm, għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-Programm, inkluż l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tagħha, u għandha

Emenda

3. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 23 għandhom jiżviluppaw strateġija konsistenti fir-rigward ***tal-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni*** effettiva, kif ukoll id-disseminazzjoni ***lill-benefiċjarji potenzjali kollha*** u l-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġati taħt l-azzjonijiet li jimmaniġjaw fi ħdan il-Programm, għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tagħha tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-Programm, inkluż l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-attivitajiet ġestiti fil-livell nazzjonali u

tinforma lill-gruppi mmirati rilevanti dwar
l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa
fpajjizhom.

tal-Unjoni, u r-riżultati tagħha, u għandha
tinforma lill-gruppi mmirati rilevanti dwar
l-azzjonijiet u l-attivitajiet imwettqa
fpajjizhom.

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3a. L-organizzazzjonijiet parteċipanti
għandhom jużaw l-isem kummerċjali
"Korp Ewropew ta' Solidarjetà" għall-
finijiet ta' komunikazzjoni u
disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata
mal-Programm.**

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. L-aġenzija nazzjonali għandha tikkonsulta regolarment mal-benefiċjarji tal-Programm (individwi u organizzazzjonijiet) biex tiġbor il-feedback tagħhom dwar il-Programm, biex tivvaluta l-kwalità tal-attività, u kif tevolvi l-attività, abbażi tal-linji gwida tal-Kummissjoni u għandha tipprovdi appoġġ lill-partekipanti f'każ ta' diffikultajiet u sabiex ittejjeb l-implimentazzjoni tal-Programm fil-livell nazzjonali abbażi tal-feedback u l-għarfien espert tagħhom.

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jistabbilixxi l-istandards interni ta' kontroll għall-aġenzija nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi mill-Unjoni għall-appoġġ ta' għotja mill-aġenziji nazzjonali;

Emenda

(a) jistabbilixxi l-istandards interni ta' kontroll għall-aġenzija nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi mill-Unjoni għall-appoġġ ta' għotja mill-aġenziji nazzjonali, ***filwaqt li jqis ir-rekwiżiti ta' simplifikazzjoni u ma jimponix piżijiet addizzjonali fuq il-partekipanti u fuq l-organizzazzjonijiet partekipanti;***

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jinkludi l-obbligu li jiġu organizzati laqgħat u taħriġ regolari man-netwerk ta' aġenziji nazzjonali u għalihom biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti tal-Programm fost il-pajjiżi parteċipanti kollha.

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat regolari dwar l-implimentazzjoni tal-Programm b'numru rappreżentattiv u

*tip ta' networks li jirrappreżentaw iż-
żghażaġh u l-voluntiera u
organizzazzjonijiet rilevanti oħra tas-
soċjetà ċivili, inklużi s-sħab soċjali u n-
networks rilevanti għall-attivitajiet tal-
Programm.*

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*5a. F'każ li l-Kummissjoni ma tkunx
tista' taċċetta d-dikjarazzjoni annwali tal-
ġestjoni jew l-opinjoni tal-awditu
indipendenti dwarha, jew f'każ ta'
implimentazzjoni mhux sodisfaċenti mill-
aġenzija nazzjonali tal-osservazzjonijiet
tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista'
timplimenta kwalunkwe miżura
prekawżjonarja u korrettiva neċessarja
biex tissalvagwardja l-interessi finanzjarji
tal-Unjoni skontil-punt (c) tal-Artikolu
131(3) tar-Regolament Finanzjarju.*

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 24a

*L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni,
l-Awdjoviżiv u l-Kultura*

Fil-livell tal-Unjoni, l-EACEA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-istadji kollha tal-għotja għal azzjonijiet tal-proġett tal-Programm elenkati fl-Artikolu 7, ippreżentati minn organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa jew organizzazzjonijiet ta' pjattaforma, għal attivitajiet ta' timijiet ta' volontarjat fl-oqsma ta' prijorità identifikati fil-livell Ewropew u attivitajiet b'appoġġ għall-operazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja f'pajjiżi terzi.

L-EACEA għandha tkun responsabbli wkoll għall-akkreditazzjoni (jiġifieri t-tikketta tal-kwalità) u għall-monitoraġġ ta' organizzazzjonijiet madwar l-Ewropa jew organizzazzjonijiet ta' pjattaforma, organizzazzjonijiet responsabbli mill-implimentazzjoni ta' skemi nazzjonali jew ta' fondi b'ġestjoni kondiviża tal-Unjoni u

*organizzazzjonijiet li jixtiequ jwettqu
attivitajiet li jappoġġaw l-operazzjonijiet
tal-għajnuna umanitarja.*

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, ***inkluż*** oħrajn minbarra dawk imqabbda mill-Istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

Emenda

1. L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew minn entitajiet, ***inklużi*** oħrajn minbarra dawk imqabbda mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu [127] tar-Regolament Finanzjarju ***u għandhom jitwettqu skont l-istess kriterji fl-Istati Membri kollha.***

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. L-aġenziji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jiġu assenjati lilhom. Dawk il-kontrolli għandhom jagħtu aċċertament raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif kien intenzjonat u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.

2. L-aġenziji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jiġu assenjati lilhom. Dawk il-kontrolli għandhom ***ikunu proporzjonati u adegwati u għandhom*** jagħtu aċċertament raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif kien intenzjonat u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom ikunu konsistenti u komplimentari mal-politiki, mal-istrumenti u mal-programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-programm Erasmus, kif ukoll man-netwerks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma rilevanti għall-

1. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom ikunu konsistenti u komplimentari mal-politiki, mal-istrumenti u mal-programmi rilevanti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-programm Erasmus, ***il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-***

attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Programm "Drittijiet u Valuri", kif ukoll man-networks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma rilevanti għall-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***għandhom ukoll ikunu konsistenti u komplementari mal-politiki, mal-programmi u mal-istrumenti*** rilevanti fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar skemi u prijoritajiet nazzjonali eżistenti relatati mas-solidarjetà u ż-żgħażaġh, minn naħa, u azzjonijiet taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, min-naħa l-oħra, bl-għan li jibbażaw fuq prattiki tajba rilevanti u jiksbu effiċjenza u effettività.

Emenda

2. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ***ma għandhomx jissostitwixxu l-politiki, l-programmi u l-istrumenti*** rilevanti fil-livell nazzjonali, ***reġjonali u lokali*** fil-pajjiżi parteċipanti, ***u għandhom ikunu konsistenti u komplementari magħhom***. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar skemi u prijoritajiet nazzjonali eżistenti relatati mas-solidarjetà u ż-żgħażaġh, minn naħa, u azzjonijiet taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, min-naħa l-oħra, bl-għan li jibbażaw fuq prattiki tajba rilevanti u jiksbu effiċjenza u effettività.

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Sabiex jiġu massimizzati l-effettività tal-finanzjament tal-Unjoni u l-impatt tal-Programm, l-awtoritajiet rilevanti fil-livelli kollha għandhom jippruvaw jistabbilixxu sinerġiji fil-programmi rilevanti kollha b'mod koerenti. Tali sinerġiji ma għandhomx iwasslu biex il-fondi jintużaw ħalli jiġu segwiti objettivi differenti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe sinerġija u komplementarjetà għandha tirriżulta fi proċeduri ta' applikazzjonijiet simplifikati fil-livell ta' implimentazzjoni akkumpanjati minn linji gwida rilevanti ta' implimentazzjoni.

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 11 għandhom ikunu, b'mod partikolari, konsistenti u komplementari ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, il-politika tat-tkabbir, il-politika tal-viċinat u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

3. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 11 għandhom ikunu, b'mod partikolari, konsistenti u komplementari ma' oqsma oħra ta' azzjoni esterna tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika tal-għajnuna umanitarja, il-politika tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, **il-politika ta' sigurtà**, il-politika tat-tkabbir, il-politika tal-viċinat u l-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikolu** 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni sakemm idum il-Programm.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija **fl-Artikoli 12, 18 u** 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni sakemm idum il-Programm;

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu*** 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 12, 18 u*** 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandu jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li diġà jkun fis-seħħ.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija relatata mas-sostituzzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni b'atti delegati bħala mezz biex jiġu adottati l-Programmi ta' Ħidma u l-bidliet korrispondenti.

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu 19*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda

6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 12, 18 u 19*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jkunu ġew mgħarrfin bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew u kif ukoll il-Kunsill ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 148

Proposta għal regolament

Anness – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Indikaturi għal monitoraġġ u rapportar:

Emenda

Il-Programm għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib biex jiġi mkejjeel sa fejn intlaħqu l-għan ġenerali u l-għanijiet speċifiċi, kif ukoll biex jiġu mmotijorati l-output, ir-

riżultati u l-impatt tiegħu. Għal dak il-għan, għe stabbilit qafas minimu ta' indikaturi, biex iservi bħala bażi għal programm dettaljat fil-ġejjieni għall-monitoraġġ tal-output, ir-riżultati u l-impatt tal-Programm, inkluż sett estiż ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi:

Emenda 149

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt b

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(b) persentaġġ ta' parteċipanti bi sfond ta' inqas opportunitajiet; **u**

(b) persentaġġ ta' parteċipanti bi sfond ta' inqas opportunitajiet;

Emenda 150

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt c

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

(c) numru ta' organizzazzjonijiet li
għandhom Tikketta tal-Kwalità tal-Korp
Ewropew ta' Solidarjetà.

(c) numru ta' organizzazzjonijiet li
għandhom Tikketta tal-Kwalità tal-Korp
Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda 151

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***(ca) numru ta' parteċipanti fl-impjiegi
(fil-pajjiż u transfruntiera) imqassma
skont il-pajjiż, l-età, is-sess, l-isfond
professjonali u l-kisba edukattiva;***

Emenda 152

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) numru ta' parteċipanti f'projetti ta'

*solidarjetà mqassma skont il-pajjiż, l-età,
is-sess, l-isfond professjonali u l-kisba
edukattiva;*

Emenda 153

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(cc) numru ta' organizzazzjonijiet li t-
tikketta tal-kwalità tagħhom ġiet revokata.*

Emenda 154

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(cd) numru ta' organizzazzjonijiet li
għandhom tikketta tal-kwalità mqassma
skont il-pajjiż u l-finanzjament li rċevew;*

Emenda 155

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ce) numru ta' iżgħażaġh parteċipanti
b'inqas opportunitajiet. Indikaturi tar-
riżultat (Indikaturi komposti);*

Emenda 156

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt cf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(cf) numru ta' parteċipanti li
jirrapportaw eżiti tat-tagħlim pożittivi;*

Emenda 157

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt cg (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cg) persentaġġ ta' parteċipanti li l-eżiti tat-tagħlim tagħhom ġew rikonoxxuti permezz ta' ċertifikat bħal Youthpass, jew tip ieħor ta' rikonoxximent formali tal-parteeipazzjoni tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

Emenda 158

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ch (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ch) rata ta' sodisfazzjon ġenerali tal-parteeipanti fir-rigward tal-kwalità tal-attivitajiet; and

Emenda 159

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ci (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(ci) numru ta' persuni appoġġati
direttament jew indirettament minn
attivitajiet ta' solidarjetà.*